IT-TIENI KTIEB
TAR-RABA' SENA

ĠUNJU
1928

# IL-MALTI

## QARI

LI TOĦROĠ

*IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

---

XFIH DAN IL-GĦADD

---

Il-Belt (Valletta) (T. Z.) — Il-Vokali tal-verb Malti (SAJDUN) Santa Liena fil-gżejjer tagħna (G. DIMECH DE BONO) — Niċeċ u Statwi (ĠUŻÊ GATT) — Kelb rieqed la tqajmux (T. Z.) — Lil ommi (DR. C. MIFSUD BONNICI) — Id-daħla ġo l-Imdina tal-Gran Mastru Zondadari (Dr. G. BUSUTTIL) — Min sab l-ewwel magna tal-ħjata (GEJTAN GRIXTI) — Il-Madonna taz-Zuntier jew il-Kappella tal-għadam (B.) — Tqassir għall-kitba Maltija (ALF. NICHOLAS) — Kif bdiet u mxiet il-Għaqda (F. S. CARUANA) — Kotba tal-Bibbja bil-Malti (S.)

# IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* — IT-TIENI KTIEB TA' L-1928

## IL-BELT (VALLETTA)

II

Minn Fomm-ir-riħ ingħaddu minn ħdejn il-Knisja tal-Pilar u naqbdu t-triq ta' l-Isqof. Ħdejn il-pjazza dik il-kantuniera jgħidulha *Tal-Fama*. Mnejn ġie dal-laqam? F'tarf il-pjazza, fi żmien is-sultan Verdala, twaqqaf plier u fuqu lupu tal-ħaġar iżomm l-arma tas-sultan, u dan biex ifakkar li s-sultan, dik is-sena, kien laħaq Kardinal. (1588). Mita dal-plier biż-żmien ittiekel, il-Balì Verdelin, neputi tas-sultan, waqqfu mill-ġdid (1672). Il-plier bil-Fama tas-sultan Verdala baqa' wieqaf għal żmien twil, imma mita ġġarraf it-tieni darba ħadd ma ħaseb jarġa' jibnih, u fil-Kantuniera ma baqâx ħlief l-isem *Tal-Fama*.

Min twieled tletin sena îlu jismagħhom isemmu il-kafè tar-Reġina qalb is siġar ta' ħdejn il-palazz, imma dal-ġnien ma rahx b'għajnejh. Fl-1858, fi żmien il-gvernatur Le Marchant sar ħafna tibdil fil-Belt. Ix-xatt, fejn hu il-lum is-suq tal-ħut, jissejjaħ *"fuq il-ġgant"* għax f'nofs dik il-wesgħa kien hemm għajn kbira bix-xbieha ta' Nettunu, alla tal-baħar, minsuba fuqu, li in-nies kienet tgħidlu *"il-ġgant"*. Le Marchant ħaseb li din l-istatwa tal-bronż, xogħol minn l-isbaħ, kienet aktar tixraq il-palazz inkella x-xatt u għalhekk ġagħal li tinħatt il-għajn u l-ġgant jitqiegħed fil-bitħa tal-Palazz fejn jinsab sal-lum.

Il-wesgħa ta' quddiem il-*Bibliotheca* kienet għarwiena u l-gvernatur ħaseb malajr jonsob statwa f'nofsha.

U l-istatwa mnejn? Le Marchant ma ħasibhiex darbtejn. F'nofs il-Forti Manwel kien hemm l-istatwa tal-bronż tas-sultan Manoel. "Dnub", qal il-gvernatur, "statwa bħal din ma jaraha ħadd magħluqa fil-forti. Fil-pjazza tal-Palazz iżżejjen belt." Hekk is-sultan Manoel sab ruħu il-Belt. Ma' dwaru sar ġnien tal-larinġ imdawwar b'rixtellu tal-ħadid u ma' ġenbu, lejn il-palazz, għajn bil-vaska tawwalija u lejn il-loġoġ intrama kafè nofs-tond bi twieqi kbar u mwejjed tar-rħam barra u fuq il-bieb kitba bil-Franċiż "*Café de la Reine*".

Dal-ġnien tal-larinġ f'nofs il-Belt kien fih daqqa ta' għajn! Fl-1887, ir-Reġina Vittoria għalqet ħamsin sena issaltan u biex isir xi ħaġa b'tifkira ta' dan, il-gvern tagħna raġa' naddaf il-wesgħa ta' ħdejn il-palazz; is-siġar inqalgħu u s-sultan Manoel, bħal raġel tajjeb, telaq kutu kutu mill-Belt u ntasab f'ras il-Mall. Floku twaqqfet l-istatwa tar-reġina li hemm il-lum. Il-Kafè baqa' wieqaf sal-1914.

Quddiem it-tijatru, ħdejn Puturjal, kien hemm bini kbir, bħal tarzna, imsejjaħ *il-Fjank* jew il-*Ferrerija*. Bini ta' żmien is-slaten, bejn it-triq tal-Fjank (Strada Fianco) u Strada Mezzodì, li baqa' wieqaf sas-sena 1876. It-tijatru, mibni fl-1860-66, inħaraq fil-25 ta' Mejju 1873. Biex jarġa' jintrama flus ma kienx hemm fil-kaxxa, għalhekk il-Gvern ħaseb li jbiegħ il-bini tal-Ferrerija. Din inbagħad inħattet u flokha bena djar is-sur Butigieg.

Fuq ix-xellug tal-Ferrerija kien hemm dik il-għajn li issa tinsab ħada d-dħul tal-Vapur ta' l-art, l-ewwel għajn li twaqqfet il-belt. F'nofsha hemm minquxa ix-xemx u taħtha l-kitba "*omnibus idem*" li tfisser "*lil kullħadd xorta waħda.*"

Minn Strada Brittanica, ħdejn il-Knisja ta' San Franġisk, kont dari tara' kolonna twila 70 pied fuq is-sur li jâti għal fuq Marsamxett. Din kienet il-kolonna

b'tifkira tal-Gvernatur Ponsonby, imwaqqfa fl-1838. Il-lum ma baqâx ħlief il-maqgħad tagħha għax fl 1874 waqqgħetha sajjetta.

Strada Sant'Ursola, taħt il-Barrakka ta' fuq, dik it-triq tat-taraġ kienet dari tissejjaħ *"it-triq tal-Gran Viskont"*—għax hemm kien igħammar il-Gran Viskont ta' żmien l-Ordni li kien jikkmanda l-Pulizija.

It-triq ta' ħdejn il-knisja ta' San Pawl kienu jgħidulha *"It-triq tal-Masri"*; jiġifieri it-triq tal-qoton ta' l-Eġittu, għax l-Eġittu jissejjaħ bil-malti u bil-għarbi *"il-Masar"*. Bosta għadhom jiftakru l-ħwienet f'dik it-triq bil-ġżari tal-ħajt imdendla fil-bieb.

It-taraġ ta' wara s-suq (Strada Teatro) kien magħruf bħan-*"niżla tat-tiġieġ"* għax it-triq kienet maħnuqa b'gaġeġ, oqfsa, gallinari, b'kull xorta ta' tjur, tiġieġ, papri, dundjani, ħaġel u qtajja' ta' għasafar. Lil Venitra, bejjiegħ minn l-aqwa, f'dik il-kantuniera, kien jafu kullħadd.

Min għadu jsemmi *"in-niżla tal-kalzrati"* jew *"in-niżla tal-ganċ"*? Taħt il-Kistlanija l-qadima (Strada San Giovanni) li dari kienet il-Qorti, kien hemm il-bieb mnejn kienu joħorġu l-kalzrati. Il-lum hemm l-uffizzju tal-gass. Il-Kalzri nbidel imma l-isem tat-triq baqa'.

Kienet tissejjaħ *"iż-żenqa"* dik in-nitfa ta' niżla li tâti għas-sur ta' *Haistings*. Żenqa, tfisser triq bil-għarbi, u fil-Marokk it-triqat kollha żenqiet, għax dak l-isem tagħhom.

Dawn l-ismijiet li kienu l-aktar f'ħalq in-nies fiż-żmien l-imgħoddi, bil-ftit il-ftit, dak li nafu l-lum uliedna ma jiftakruhx, għax ħelu-ħelu it-tibdil sejjer dejjem. Tfal, konna nilgħabu ħdejn il *"ġinnastika"* (gymnasium) quddiem Kastilja, il-lum il *"ġinnastika"* inħattet u tala' il-*Vernon Institute*. Hott u ibni u l-warrani jintesa, hekk kien minn dejjem u hekk għad ikun.

T. Z.

# IL-VOKALI TAL-VERB MALTI

Aktar minn darba smajt min igħid li l-verbi Maltin ma għandhom xejn li jmexxihom fil-għażla tal-vokali. Xi wħud jagħżlu vokali, u xi wħud jagħżlu vokali oħra, bla ma jista' wieħed dejjem jintebaħ il-għala. Hekk ingħidu: *daħal*, *ħadem*, *fehem*, *fetaħ*, *niżel*, *xorob*, *jaħraq*, *jilħaq*, *jidħol*, *jobrox*, *jaħdem*, *jifhem*, *jiftaħ*, *jeħmer*. Tiżwiq u taħlit sabiħ ta' ilħna, li minnu ġejja dik il-ħlewwa ta' l-ilsien Malti, li mhux kullħadd jaf iħossha u jifhimha. Għalhekk irrid nuri li mhux tassew li l-verbi Maltin ma għandhomx xi jmexxihom fil-għażla tal-vokali, bil-maqlub, il-verbi Maltin jimxu aħjar mill-verbi ta' l-ilsna Semin kollha kemm huma.

Qabel xejn jaħtieġ wieħed ikun jaf li:

1. L-ittri *ħ*, *għ* u *q*, meta jkollhom vokali qasira, iħobbu aktarx il-leħen *a*.

2. Fl-alfabêti Semin hemm xi ittri li jgħidulhom *enfatiċi*, li huma *d* u *ḍ*, *s* u *ṣ*, *t* u *ṭ*. * Fil-Malti ma għadhomx jinħassu; iżda żmien îlu, meta l-lsien Malti kien għadu mhux imniġġes, kifinhu l-lum, minn ilsna barranin, l-ittri enfatiċi kienu għadhom f'tagħhom. U dan nista' ngħidu bla ebda għalt, għax dawn l-ittri, huma wkoll, iħobbu magħhom leħen miftuħ bħal l-ittri tal-gerżuma. Biż-żejjed dan l-eżempju: iż-żewġ kelmiet għarbin *ṣajf* u *sajf* saru fil-Malti *sajf* u *sejf*. Il-għala ma għandhomx vokali waħda, jekk mhux minħabba l-konsonanti *ṣ*? U ara kemm hu hekk li d-djaletti għarbin, li jagħżlu bejn *s* u *ṣ*, xejn ma jqisu l-vokali, u jgħidu *ṣêf(=ṣajf)* u *sêf(=sejf)*. Għalhekk ingħidu wkoll *samm* mill-Għarbi *ṣamm* u *semm* minn *samm*; *damm* minn *ḍamm* u *demm* minn *damm*.

3. Iż-żewġ vokali tal-verb fis-sura tiegħu ewlenija *qatel* huma marbutin bejniethom skond il-liġi ta' l-armonija tal-vokali.

Il-vokali tal-verb semi huma *a—a*; hekk fil-Għarbi *qatala*, fil-Lhudi u fil-Kangħanî *qatal*, fl-Assîr *kaxâdu*, fl-Etijopî *qatala*, fl-Aramî *qtal*. Biss xi ftit verbi għandhom il-vokali

* In-nikta maħżuża taħt l-ittra hija għeliem li juri li dik l-ittra hi *enfatika*.

*a-i* jew *a-u*. L-ilsna Aramîn jitilfu l-ewwel vokali bħaddjaletti għarbîn tal-Magħreb.

Fil-Malti l-ewwel vokali *a* tikser u tagħlaq leħinha sakemm tinbidel u ssir *i*. Wara din il-bidla, it-tieni *a* ma tistâx tibqa' kifinhi, iżda tikser hi wkoll leħinha biex toqrob lejn l-*i*, u għalhekk issir *e* magħluqa, hekk ingħidu : *bidel*, *nidem*, *silef*, *tilef*, *wiret* u ħafna oħra.

Iżda meta l-aħħar ittra tal-verb tkun *ħ*, *q*, *għ*, it-tieni vokali *a* tibqa' f'tagħha,u l-ewwel *a* tikser kemm xejn leħinha u ssir *e* miftuħa; hekk ingħidu : *fetaħ*, *feraħ*, *felaħ* *meraħ*, *nebaħ*, *beżaq*, *żelaq*, *fetaq*, *feraq*, *telaq*, *semagħ*, *belagħ*, *tefagħ*, *xebagħ*, *żeragħ* u oħrajn.

Jekk l-ewwel konsonanti biss tkun *ħ*, *għ*, jew *q*, l-ewwel vokali tibqa' *a*, u t-tieni ssir *e*, hekk ingħidu : *ħadem*, *ħalef* *ħafer*, *ħaleġ*, *ħareġ*, *għamel*, *għaġen*, *għażel*, *għalef*, *għaleb*, *qatel*, *qaleb*, *qabel*, *qafel*, *qadef* u oħra. Għalhekk għandna ngħidu u niktbu *ħalem* u mhux *ħolom*, *ħablet* u mhux *ħoblot*, *għarek* u mhux *għorok*, *għakes* u mhux *għokos*.

Meta l-ittra tan-nofs weħidha, jew tan-nofs b'xi waħda tattruf magħha, jew it-tnejn tat-truf weħidhom ikunu *ħ*, *għ*, *q*, jew xi waħda mil l-ittri enfatiċi, il-vokali *a-a* jibqgħu kifinhuma bla xejn ma jittiefsu. Hekk ingħidu : *daħal*, *lagħab*, *naqax*, *ħaqar*, *taħan*, *daħak*, *saħaq*, *laħaq*, *naħaq*, *ħaraq*, *għalaq*, *qalagħ*, *taqab*, *naqas*, *laqat*, *bagħat*, *bagħad*, *basar*. L-ittra *r* ukoll tħobb sikwit tintrabat mal-vokali *a*, u għalhekk ingħidu : *darab*, *raqam*. *raqad*, *ħarab*, *ħarat*, *saram*, *tarad*, *barax*, *baram*. Għalkemm hemm xi verbi li donnhom joħorġu barra minn din it-triq, madankollu nistgħu ngħidu li ma hemm l-ebda verb biż-żewġ vokali *a-a* li fih ma tidħolx xi waħda mill-ittri *ħ*, *għ*, *q*, *r*, *s*, *t*, *d*. Għalhekk ħażin ingħidu

. . .

*ħoloq*, flok *ħalaq; qotor*, flok *qatar*.

Kelma oħra fuq il-verbi bil-vokali *e* - *e*, *o* - *o*, bħal *fehem*, *xorob*. Ħafna minnhom ġejjin minn verbi għarbin tal-għamla *qatila*, *qatula*; * hekk : *deher* = Għarbi *zahira*; *fehem* = Għ. *fahima*; *weħel* = Għ. *waħila*; *għereq* = Għ. *għariqa*; *ħemed* = Għ. *ħamida*; *qeleq* = Għ. *qaliqa*; *kotor* = Għ. *katura*; *qorob* = Għ. *qaruba*; *toqol* = Għ. *taqula*; *roħos* = Għ. *raħasa*. Din il-qatgħa verbi bil-vokali *e* jew *o*, sew fil-Malti kemm fl-ilsna l-oħra semin, aktarx ifissru *stât* mhux *għamil*, għalhekk igħidulhom

* Il-vokali *i*, *u* huma l-vokali ewlenin ta' dawn il-verbi, għalhekk fil-Malti huma ghandhom ħila jbiddlu l-vokali *a* ta' l-ewwel, iżda hi qatt ma tista' tbiddilhom.

*verbi stativi*, biex jingħażlu mill-*verbi attivi*. Għalhekk il-vokali *o* ta' ħafna verbi maltin mhix ħaġa oħra ħlief l-*o* tal-verbi *stativi*; hekk: *għolob*, *ħotof*, *romol*, *sogħob*, *boloq*, *ħorof*. Iżda xi drabi l-*o* ġejja minn xi kliem imnissel mill-verb, u hekk qalgħet barra l-vokali l-oħra tal-verb u ddefset flokha. Hekk, mill-verb *xarab* ġejja l-kelma *xorb*, u biex il-verb ikun jaqbel fil-ħoss ma' din il-kelma, ħa l-vokali tagħha u sar *xorob*; hekk ukoll *sagħal* (fir-rħula *segħel*) jatina l-kelma *sogħla*, li biddlet il-verb f'*sogħol*; *ħatab* = *ħotba* = *ħotob*; *ħalem* = *ħolm* = *ħolom*.

Fis-suriet l-imnisslin il-verbi *a* - *a*, *a* - *e*, *e* - *a* jibqgħu jżommuhom dejjem, hekk: *rabat*, *rabbat*, *rtabat*, *qatel*, *qattel*, *inqatel*, *tqattel*, *fetaħ*, *fettaħ*, *infetaħ*, *tfettaħ*. Il-verbi tal-vokali *i* - *e* aktarx li jżommuhom ukoll; iżda ħafna minnhom ibiddlu l-*i* f'*e* fit-tieni u l-ħames sura, hekk: *kiser*, *kisser*, *inkiser*; *tilef*, *tellef*, *intellef*; *firex*, *ferrex*, *infirex*. Joħorġu barra l-verbi *siker*, *sakkar*; *kiber*, *kabbar*. Il-verbi bil-vokali *e* - *e*, *o* - *o* ibiddluhom f'*a* - *a* *għereq*, *għarraq*, *tgħarraq*; *weħel*, *waħħal*, *twaħħal*; *kotor*, *kattar*, *tkattar*; *qorob*, *qarrab*, *tqarrab*; *toqol*, *taqqal*, *ittaqqal*.

Jekk issa natu daqqa ta' għajn lit-*tempo imperfetto*, insibu tibdil akbar ta' vokali, għax xi drabi l-verbi jżommu l-vokali tal-verb għarbi, u xi drabi jbiddluha skond il-leħen li jitolbu il-konsonanti tal-verb. Fil-Għarbi l-verbi tal-għamla ta' *qatala*, għandhom it-*tempo imperfetto jaqtulu*, jew *jaqtalu* jew *jaqtilu*, jiġifieri l-vokali tan-nofs tista' tkun *u*, *i*, *a*. Il-verbi tal-għamla ta' *qatila* jagħmlu *jaqtilu* jew *jaqtalu*; il-verbi bħal *qatula* jagħmlu dejjem *jaqtulu*.

Fil-Malti il-verbi tal-vokali *i* - *e* iżommuhom fit-*tempo imperfetto*, hekk: *niżel*, *jinżel*; *kiteb*, *jikteb*; *silef jislef*.

Il-verbi *a* - *e* iżommu wkoll l-istess vokali, hekk: *ħadem jaħdem*; *qafel*, *jaqfel*; *għamel jagħmel*. Għalhekk għandna ngħidu: *qatel jaqtel* u mhux *joqtol*. Iżda xi drabi jiġri li il-vokali għarbija tagħleb il-vokali Maltija taqlagħha barra u tidħol flokha, hekk minn *ħareġ* għandna ngħidu *jaħreġ*, iżda ngħidu *joħroġ* minħabba l-għarbi *jaħruġ*; għalhekk *jaqtel* (bħalma jgħidu tar-raħal) hi sura Maltija, *joqtol* (bħalma jgħidu tal-belt) hi sura Għarbija minn *jaqtul*.

Il-verbi *e* - *a* jibdew l-ewwelnett biex ibiddlu il-*ja* f'*ji*; inbagħad aktarx iżommu t-tieni vokali *a*; imma nistgħu ngħidu li t-tieni vokali titbiddel skond il-vokali għarbija; jekk fil-Għarbi t-tieni vokali tkun *a* jew *i*, fil-Malti ssir *a*; jekk tkun *u*, fil-Malti ssir *o*. Il-verbi, li għandhom *ħ* fl-aħħar, jieħdu kollha l-vokali *a* fil-Għarbi u fil-Malti, hekk: *jiftaħ*, *jif-*

*raħ*, *jimraħ*, *jinbaħ*, *jiġraħ*. Iżda l-verbi għarbin li fl-aħħar għandhom *ħ* ħarxa (li fil-Malti ma tingħażelx minn *ħ*), jieħdu il-vokali *u*, li fil-Malti ssir *o*; għalhekk ingħidu: *jinfoħ* = Għ. *ja?fuħ*; *jisloħ* = Għ *jasluħ*; u b'hekk nintebħu l-għala ngħidu *sel?ħ jislaħ* u *selaħ jisloħ*. Iż-żewġ verbi donnhom verb wieħed għax għandhom it-tnejn ħoss wieħed, iżda mhumiex, għax it-tieni wieħed għandu *ħ* ħarxa, li fil-Għarbi trid il-vokali *u*; u l-*ħ* ta' l-ewwel wieħed mhix ħarxa u għalhekk titlob il-vokali *a*. Il-verbi, li għandhom *q* fl-aħħar, jieħdu *a* jew *o* skond il-vokali li għandhom fil-Għarbi; hekk: *jixraq* = Għ. *jaxraq*; *jisraq* = Għ. *jasriq*; *jifraq* = Għ. *jafriq*; *jiftoq* = Għ: *jaftuq*; *jinfoq* = Għ: *janfuq*; *jibżoq* = Għ *jabsuq*. Il-verbi li għandhom *għ* fl-aħħar jieħdu l-vokali *a* fil-Malti u fil-Għarbi; hekk: *jismagħ*, *jixbagħ*, *jiġmagħ*.

Il-verbi *e* - *e* iżommu l-*e* tan-nofs; hekk: *fehem jifhem*; *deher jidher*; *xehed jixhed*. Jekk l-ewwel ittra tal-verb tkun *ħ*, *għ*, *q*, l-ewwel *i* issir *e*; hekk: *jeħel*, *jeħmer*, *jegħreq*, *jeqleb*.

Il-verbi *o* - *o* iżommu l-*o* fin-nofs, u din tiġbed lejha u tbiddel il-*ja* f'*jo*; hekk: *kotor joktor*, *qorob joqrob*.

Fil-verbi *a* - *a* aħna naraw il-vokali għarbin u l-liġi ta' l-armonija tal-vokali Maltin imqabbdin f'xulxin. Xi verbi iżommu l-vokali li għandhom fil-Għarbi; oħrajn jitwarrbu mill-Għarbi u jieħdu l-vokali li jitlob il-Malti; għalhekk ma nistgħux natu reguli li jżommu sħiħ għal-verbi kollha. Iżda dejjem jiswa li naraw kif jimxu dawn il-verbi wkoll fil-għażla tal-vokali. Meta l-ewwel ittra tal-verb tkun *ħ* jew *għ*; l-*imperfetto* jieħu l-għamla ta' *jaqtal*, hekk: *ħabat jaħbat* (Għ. *jaħbit*); *ħarab*, *jaħrab* (Għ. *jaħrub*) *ħasad*, *jaħsad* (Għ. *jaħsud*, *jaħsid*); *għaraf*, *jagħraf* (Għ *jagħrif*); *għasar*, *jagħsar* (Għ. *jagħsir*); *għatas*, *jagħtas* (Għ. *jagħtus*, *jagħtis*). Għalhekk għandna ngħidu *jaħlaq*, *jaħnaq* u mhux *joħloq*, *joħnoq*. Barra minn dawn hemm xi verbi oħra Maltin li għandhom *a* għax fil-Għarbi għandhom *i* jew *a*; hekk: *jifdal* = Għ: *jafdal*; *jifsad* = Għ: *jafsid*; *jimrad* = Għ: *jamrad*; *jishar* = Għ: *jashar*; *jifqas* = Għ. *jafqis*. F'dawn il-verbi u f'oħrajn ukoll, il-*ja* titbiddel f'*ji*, għax il-vokali *a* ma għandha xejn li jżommha, jiġifieri ma għandhiex warajha ittra li trid il-leħen *a*. Il-verbi l-oħra jagħmlu *jiqtol* u xi drabi *joqtol*; hekk: *barax* = *jibrox*, *jobrox*; *daħal* = *jidħol*; *darab* = *jidrob* (Għ: *jadrib*); *nafar* = *jonfor*; *radam* = *jordom* (Għ: *jardim*); *ġabar* = *jiġbor*.

Mela nistgħu nagħalqu u ngħidu li l-verbi maltin fit-tiswir tagħhom jagħżlu dawk il-vokali li l-aktar jaqblu ma' l-ittri tal-verb.

**Sajdun.**

# SANTA LIENA
# FIL-GŻEJJER TAGħNA

(Bċejjeċ ta' Storja)

### DAĦLA

L-Istorja ta' pajjiżna turina li Malta kienet taħt idejn ħafna ġnus: wieħed jista' jibda jsemmi lill-Feniċi bħala l-ewwel nies li ħakmu l-Gżira li lilha semmew "Maleth" jew "Melath".

Jingħad mill-kittieba li fis-sena 700 Q. K. il-Griegi ħadu lil Malta u li dawn bnew l-Imdina bl-isem "*Melita*", u l-Kastell t'Għawdex bl-isem "*Civitas Glauconis*".

Il-Kartaġinisi rebħu lill-Gżejjer 220 sena wara, iżda ġew imkeċċijin mir-Rumani fis-sena 216 Q. K.

Fi żmien il-ħakma tar-Rumani ġie San Pawl f'Malta u ikkonverta lill-misserijietna. Fi żmien il-persekuzzjonijiet li għamlu l-imperaturi pagani ta' Ruma lil l-insara xi wħud minn misserijietna waqgħu martri.

B'turija t'hekk insemmu lill-Martri Eutacchia u bosta oħra li l-fdal tal-għadam tagħhom kien jew għadu merfugħ f'kaxxa fil-Kattedral tagħna (1).

Wieħed wara l-ieħor mietu u nqerdu l-imperaturi kiefra u fis-sena 306 A. D. laħak l-ewwel Imperatur Nisrani, il-kbir Kostantinu bin Santa Liena.

P. P. Castagna igħid li hawnhekk sar it-tieni u l-akwa għors tad-Din Nisrani f'Malta (2).

Kostantinu għamel 'l ommu imperatriċi u ħareġ flus bix-xbieha tagħha u bl-ismijiet: "*Flavia-Giulia-Elena*".

Għal din il-ħaġa id-dinja Nisranija, li rat tant ġid tul il-ħajja ta' Kostantinu ma setgħetx bi tpattija ma tqimx 'l ommu Lieni.

### IL-QIMA TAGħHA F'MALTA

Dr. Don Ġwann Bugeja igħid li Santa Liena ilha patruna titulari ta' Birkirkara minn żmien antik u li ma tantx hu magħruf, iżda nafu li qabel l-1090 A.D., kien hemm knisja dedikata Lilha in-naħa tal-"*Għarar*" qrib lejn ix-xtut u li l-kittieb Abela-Ciantar igħid li kien hemm ħafna siġar tal-ġnibru, li minnhom dak il post ħa l-isem (3).

(1) Skond Mons. Bres. Kan. Gatt-Said etc.,
(2) "Storja ta' Malta"
(3) "Malta Illustrata."

Għan-nies ta' Birkirkara, li kienu f'din in-naħa, l-isqof Senatore DeMello — żmien il-Papa Eugenio IV — għamel fl-1436 A.D., lil din il-Knisja parroċċa, u għalhekk sfat waħda minn l-ewwel tmienja ta' Malta.

Kif semmejna, Birkirkara kienet qrib il-baħar u mħabba f'hekk bosta drabi kienu jiġu milqutin mill-furbani, iżda in-nies meta rat dan daħlu aktar il-ġewwa u l-parroċċa tagħhom saret il-knisja żgħira ta' Santa Marija.

Ma nafux sewwa meta sar dan it-tibdil tal-post, iżda żgur li qabel l-1530 A. D., li f'dik is-sena ġie f'Malta l-Ordni tal-Kavalieri, u kif jidher ukoll ċar biż-żejjed mil l-Atti tal-Vista ta' Mons : Pietru Duzzina, li fl-1574 ġie mibgħut f'Malta mill-Papa Gregorio XIII, bħala visitatur apostoliku.

*Visitavit Ecclesiam Ruralem sub vocabulo S. Helenae constructam in pertinen. Birchircarae in contrada nuncupata Arar, quae alias dicitur fuisse Parochialis Ecclesia.* Kliem reġistrat, fejn juri li d-delegât apostoliku żar knisja ta' Santa Liena fil-Għarar ta' Birkirkara, li xi żmien qabel kienet parroċċa: jiġifieri qabel 1574 A. D.

Billi l-poplu beda jikber u billi l-knisja bdiet tkun żgħira, il-Kappillan Dr. Don Filippo Borgia ħareġ minn tiegħu u ġabar flus biż-żejjed biex f'lokha fl-1616 bena' l-famuża Knisja l-qadima, li l-lum—għalkemm nofsha mġarrfa—kiegħda turi tassew li sewwa qalu l-kittieba kollha, meta għarfuha bħala :—"Monument ħaj tal-*Belle Arti*".

Dan it-tempju nbeda mil l-Arkitett ta' l-Ordni, il-Malti Fra Vitor Cassar u nbagħad tkompla minn Tommasu Dingli li kien ukoll Arkitett ta' l-Ordni.

Għalkemm dan it-tempju ġie wkoll dedikat lil Sidtna Marija SSma., iżda meta l-Kappillan Dr.Don F. Borgia, li kien Protonotarju Apostolku u duttur taż-żewġ liġijiet, waqqaf hemm fl-1630 l-ewwel Kolleġġata ta' Malta u Għawdex, (1) kienet taħt it-titolu ta' Santa Liena, kif jidher mill-Bolla tal-Papa Urbanu VIII tad-9 ta' Diċembru 1630, li tgħid :— "*sub titulo et invocatione S. Helenae Reginae*". Ix-xbieha tal-Qaddisa ġiet minquxa fil-għoli f'nofs il-kor u l-bolli tal-Kapitlu bdew jiġu iffirmati hekk: "*Praepositus Collegiatae S. Helenae*" —"*Canonici dell'Insigne Chiesa Collegiata di S. Elena Regina della Terra Birchircara*".

Il-quddiem billi dan it-tempju kien xi ftit il-bogħod minnies, fis-27 t'April 1727, tqiegħdet, mil l-isqof Gaspare Gori Mancini flimkien mal-Kapitlu u Kleru ta' Birkirkara,

(1) 103 snin qabel, l-ewwel waħda

l-ewwel ġebla tal-Knisja l-ġdida, li hi twila 177 u wiesgħa 100 pied ingliż. Din il-knisja hi waħda mil l-aqwa tal-Gżejjer tagħna u hija mżejna b'pitturi *a fresco* u taż-żejt tal-Prof : Virginio Monti ta' Ruma u ta' l-aqwa artisti maltin.

Santa Liena hija t-titular ta dan it-tempju bħalma hekk kienet fl-antik fl-inħawi tal-"Għarar," u iżjed wara meta twaqqfet il-primarja Kolleġġjata fil-Knisja ta' l-Assunta.

Il-vara ta' Santa Liena intgħamlet b'rigal mill-patrijott malti Vincenzo Borg (Ċensu Braret) li kien Kap tal-Battaljun ta' Birkirkara fl-Imblokk tal-Franċiżi.

* * *

L-ewwel parroċċa ta' Malta kienet il-Kattedral, it-tieni waħda kienet dik tal-Birgu li saret fl-1090 A. D., iżda 346 sena wara saru tmien parroċċi f'daqqa u għalhekk Santa Liena—minn dik is-sena sa meta saru parroċċi—kienet patruna titulari ta' Birkirkara u ta' l-irħula kollha ta' madwarha. Dawn kienu: Tal-Gżira, li saret parroċċa fl-1923 minn l-Isqof Dum Mawru Caruana—l-iżjed waħda li damet.

Sal-1928 kienet patruna titulari tal-kontrada Sta. Venera li nbagħad giet imwaqqfa parroċċa minn l-istess Isqof.

Il-Bajja ta' S. Ġiljan qabel ma saret parroċċa fl-1891 mill-Isqof Pietro Pace kellha bi protettriċi lill Santa Liena.

Is-Slimiżi, qabel inqasmu f'żewġ parroċċi—sa l-1879—kollha jissejħu "Elenjani" bħall-Karkarisi. Il-lum hemm triq imsemmija Strada S. Elena.

Sal-1876 il-vera parroċċa ta' l-Imsida b'Tal Pietà magħha kienet dik ta' Birkirkara imsemmija għal Santa Liena.

Fl-1655 il-Balzanin spiċċaw mill-parroċċa ta' Santa Liena għax f'dik is-sena l-Isqof Fra M. Giov. Balaguer għamilha parroċċa. L-ewwel kappillan kien Dun Adrîanu Zarb ta' Birkirkara.

Fl-1594 Ħal-Lija sar raħal u għalkemm f'dak iż-żmien il-Karkariżi kellhom lil Sta. Marija b'patruna titulari tagħhom, dan ir-raħal—magħdud sa dak iż-żmien b'biċċa minn Birkirkara—kellu lill Santa Liena bi protettriċi.

Ħ'Attard kien l-ewwel wieħed li nqata' minn Birkirkara u sar raħal għalih (1575 A. D.). Għalkemm sew qabel kemm wara li sar raħal kellu lil Santa Liena b'patruna titulari, nafu li Santa Liena kienet il-protettriċi tiegħu fiż-żmenijiet ta' qabel ġew il-Kavalieri.

Fl-antik, il viċi-parroċċa ta' Bormla kienet dedikata lil Santa Liena u aktarx illi s-sajjieda kienu l-ewwel nies li

ħasbu għal din il-knisja, iżda aktar tard il-Baruni Pawlu Cassar (ħu l-arkitett Gerolamu) kien l-aqwa benefattur tagħha.

Igħidu li nbniet fis-seklu tmienja jew disgħa u fl-Atti tas-Sagri Visti ta' Mons. P. Duzzina nsibu li kien hemm żewġ knejjes—il-waħda tal-Madonna tas-Sokkors u l-oħra tas-S.S. Salvatur — u li jaħsbu li l-aħħar kienet l-istess waħda ta' Santa Liena

Il-Knisja ġiet imwaqqa' fl-1636 mil l-Isqof Mons. Fra Ġwann Balaguer biex jinbnew is-swar tal-Firenzola, u minn ġo' fihom hemm mina sal-lum magħrufa: *Saint Helena Gate* bi triq ħdejha "Strada Sant'Elena". Il-Bormliżi għandhom qima kbira lejn din il-qaddisa u n-nies tat-triq li semmejna, jagħmlu kull sena, fit-18 t'Awwissu, luminazzjoni ma' djarhom. Is-sabiħ kwadru tal-Madonna li hemm fil-parroċċa kien qabel fil-knisja ta' Santa Liena.

Fil-Knisja ta' San Pawl tal-Belt Valletta jinsabu artali dedikati lill-qaddisin patruni tal-professjonisti u tas-snajja'. Fosthom kien hemm artal dedikat lil Santa Liena bħala "patruna ta' l-arġentieri", iżda billi kien hemm miktub li maż-żmien dik in-nava kellha titkabbar, l-arġentieri ma setgħux jagħmlu spejjeż u flokhom indaħlet il-Konfraternità tal-Karità, u għalhekk l-artal ġie dedikat lill-Madonna taħt dak it-titlu. Il-Kan. Kap. Dun Viċenz Caruana dei Conti Gatto (1) igħid li aktarx il-Pittur Malti Fco. Zahra kien li pitter l-inkwatru ta' Santa Liena tal-Knisja ta' San Pawl tal-Belt u li l-lum jinsab fis-Sagristjia ta' l-Oratorju.

## IL-QIMA TAGħHA F'GħAWDEX

Fix-Xewkija kien hemm knisja ta' Santa Liena u li fuqha fil-visti ta Mons. P. Duzzina nsibu hekk :—

### S. HELENÆ BENEFICIUM

"Eccla sub vocabulo S. Helenae sita in qta ta Sceuchia
"quæ est benficium simplex, quod a nemine regitur, prope
"hanc Ecclam est petium terræ tumolor circiter trium ad
"eamdem Ecclam spectan qd possidetur per Michæl Dan fan-
"jium absque ullius obsequii præstatione et Eccla est diruta.
"D.nus mandavit dm Ecclam profanari servata forma Conc.
"Trid illiusque obligationem transferri ad Ecclam Parolem
"in qua arbitrio Rectoris habeat altare in quo erigatur imago
"S. Helenæ et... onus persolvatur."

(1) "Malta Artistica",

Skond it-tradizzjoni, kien hemm knisja ta' Santa Liena fit-triq li tieħu minn Ta' Sannat għall-Munxar, fejn il-lum jâtu l-paljijiet fit-tiġrija ta' Santa Margerita.

Kien hemm Knisja oħra ta' Santa Liena fil-limiti tax-Xagħra.

Akille Ferris isemmi tliet knejjes dedikati Lilha u L. Zammit Haber sab dan id-dokument, li bla jsemmi liema knisja ta' Santa Liena, huwa dan.

"Eccla sub vocabulo S. Helenae creata per familiam de "Refali, qui legavit tumulos quatuor terreni cum onere cele- "brari faciendi missam unam in festo...... et restaurandi "Ecclam cum necesse fuerit, Mathaeus Refali, qui tamquam "haers possidet dm terrenum huic oneri non satisfacit quia "Eccla est penitus diruta. D.mus mandavit Dn Ecclam pro- "fanari, servata forma Conc. Trid et obligationem simul cum "bonis transferri ad Eccla parlem, in qua in altari per recto- "rem assignando esigatur S. Helenae et dicta obligatio "persolvat."

**G. Dimech DeBono.**

# GħAL PROFESSJONI TA' SORU

MULEJ
LI GħOĠBOK TAHTARNI MAL-GħADD TA' DAWK
LI SAN ĠWANN L-EVANĠELISTA FL-APOKALISSI
RA JIMXU DEJJEM WARA L-HARUF
U JGħANNU GħANA
LI MA JISTGħUX IL-MAHTURA L-OHRA FIL-ĠENNA
AGħMEL LI L-WEGħDIET
LI TAJTEK BIL-PROFESSJONI SOLLENNI
MA NONQOS QATT GħALIHOM
HALLI FIL-WAQT TAL-MEWT TIEGħI
NISMA' MILL-FOMM HELU TA' IBNEK ĠESÙ
DAWN IL-KELMIET
EJJA JA GħARUSA TIEGħI EJJA HU L-KURUNA
LI KIENET IMHEJJIJA GħALIK MINN DEJJEM.

**Dun Pawl.**

# NIĊEĊ U STATWI

III.

*Is-Salib "ta' Dejma".*

Wara dak li għedna fuq is-Salib imsejjaħ *ta' Dejma* fl-aħħar Għadd ta' dan il-Qari, smajna xi ħwejjeġ oħra fuqu li se'r nissuktaw inġibuhom hawn.

Is-Salib li hemm il-lum f'nofs dawk l-erba' toroq li semmejna m'hux l-istess wieħed li kien ġie mqiegħed l-ewwel darba. Is-Salib il-qadim inqala' minn fejn kien, u tqiegħed fiċ-Ċimiterju ta' l-Imgħallqin f'Ħal-Tarxien f'dak iċ-Ċimiterju li jinsab f'idejn WenzuMizzi dak li, dan l-aħħar, kien surmast fl-Iskejjel tal-Gvern ta' Ħal-Tarxien.

Is-Salib il-qadim, li fuqu hemm Ġesù Msallab, qiegħed fuq pedistal magħmul minn erba' naħiet. F'kull naħa hemm waħda mill-Misterji tal-Passjoni imnaqqxa fil-ġebel. F'ta' quddiem hemm Kristu qiegħed jitlob fl-Ort; f'ta' ma' ġenbha Kristu marbut fil-Kolonna; f'ta' wara l-Inkurunazzjoni bix-xewk; u, f'ta' ma' ġenbha, Kristu mgħobbi bis-Salib: jiġifieri, b'kollox, hemm ħames Misterji mill-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu.

L-Indulġenza li ta l-Isqof Alferan għal min igħid *Pater Noster* quddiem l-imsemmi Salib, ma ġietx mogħtija fl-1752, bħal ma hemm minn fejn ħadna dak li għedna, iżda ġiet mogħtija fl-1756: għax hekk jidher mis-sena li hemm imnaqqxa fil-Pedistall.

Kif qalulna, is-Salib il-qadim ġie mneħħi minn fejn kien u tqiegħed fiċ-Ċimiterju ta' l-Imgħallqin, imħabba x'insulti li kienu sarulu minn xi Ingliżi li spiss kienu jgħaddu minn hemm. Iżda, wara xi żmien, din il-biċċa ma għoġbotx lil wieħed jismu Ġużê Mangion, li *ta' Dejma* jibqa' bla Salib, għalhekk ħa ħsieb jiġbor xi flus minn għand in-nies u għamel Salib ieħor ġdid, dak li hemm il-lum.

Is-Salib il-ġdid li ġie mqiegħed f'*ta Dejma,* l-Isqof Pietru Pace għoġbu jagħnih, fit-22 ta' Marzu 1905, b'100 jum indulġenza, li jirbaħha kull min igħid *Kredu* quddiemu.

*L-Istatwa ta' Marija Assunta fil-Misraħ ta' quddiem il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal-Għaxaq.*

Għall-ħabta ta' l-1774, il-Kappillan ta' Ħal-Għaxaq kien Dun Arkanġ Farrugia, miż-Żurrieq. Dan il-Kappillan, billi kellu qima kbira ħafna lejn il-Madonna Assunta, fl-1774 ġabar

xi flus minn għand iż-Żrieraq, u bihom għamel l-istatwa ta' Marija tiela' s-Sema, il-Protettriċi tar-Raħal.

Dina l-Istatwa, barra milli hi mżejna b'kitba meħudha mis-Sagra Skrittura, l-Iskof Pelleran Giappone għoġbu jagħniha wkoll, fil-15 ta' Awissu 1774, b'40 jum indulġenza għal kull min igħid *Ave Marija* quddiemha.

Jieħu ħsiebha il-prokuratur tal-Knisja Parrokkjali.

*L-Istatwa ta' San Pawl Appostlu li qiegħda fit-triq li minn Raħal Ġdid tâti għal l-Imdina.*

F'din it-triq, fuq bir, hemm Statwa tal-ġebel ta' l-Appostlu Missierna San Pawl. Dina l-Istatwa ġiet imqiegħda in-naħa *ta' Srina* għall-ħabta ta' l-1698.

Meta l-Kapitlu tal-Kattidral ta' l-Imdina kien jitlaq għal Raħal Ġdid biex jieħu sehem fil-Proċessjoni ta' San Ġirgor, malli jasal fejn l-imsemmija Statwa, kien jieqaf u quddiemha ikanta l-antifona *Sancte Paule*, etc.

Din il-biċċa ssir b'tifkira tal-ġid li kienu qalgħu dawk il-ħaddiema li kienu jaqtgħu l-ġebel in-naħa *ta' Srina* għallbini tal-Kattidral ta' l-Imdina. Dawn il-ħaddiema ma' l-ewwel daqqa li taw tal-baqqun, ħarġet għajn ta' l-ilma u li biha kienu jaqtgħu l-għatx il-ħaddiema. Minngħajr dan l-ilma, il-ħaddiema aktarx li kienu jbatu ħafna, billi fejnhom ma kien hemm xejn ilma, ħlief bir wieħed biss; iżda ċan il-bir sidu kien battlu minn l-ilma, biex il-ħaddiema ma jistgħux jixorbu minnu !

*In-Niċċa tal-Madonna tal-Konsolazzjoni fil-Gudja.*

Il-Qassis Dun Anġ Dalli, mill-Gudja, imħeġġeġ millqima kbira li kellu lejn il-Madonna tal-Konsolazzjoni, fl-1839 għamlilha Niċċa, minn butu, f'minkeb ta' bini li jâti għal Strada Rjali tal-Gudja, u x-xogħol ta' l-Istatwa tah lil l-Iskultur Xandru Farrugia miż-Żejtun.

Malli l-Istatwa tal-Madonna kienet lesta ġiet imqiegħda fin-Niċċa, u fil-31 ta' Awissu ġiet imbierka. Fil-għaxija saritilha ħafna mixegħla flimkien ma' ġigdifogu u sparar ta' murtali. Il-għada, li ħabat il-Ħadd, l-Omm tal-Konsolazzjoni issuktat ġiet miqjuma b'quddiesa, bil-għasar u fl-aħħar bi proċessjoni kbira.

Fuq in-Niċċa tinsab din il-kitba meħuda mis-Sagra Skrittura : *Sponsabo te mihi.--Fedes cinctorium renuum ejus.* U taħt in-Niċċa, hemm kitba li tgħarraf li kull min igħid *Salve Regina*, jaqla' 40 jum indulġenza.

**Ġużê Gatt.**

# KELB RIEQED LA TQAJMUX

Kullħadd kien jafu lil Fra Ċelest, u kullħadd kien igħid ġid fih. Qsajjar iżda mibrum bħal zokk ta' żebbuġa, ħafif u lvent donnu gidi, wiċċu tax-xama' imma dirgħajh tal-ħadid. Filli hawn, filli hinn; issa jwieżen tarbija taqsam it-triq, issa igħin burdnar igħabbi kantun; jaqdi lil xi ħadd il-hena tiegħu, u mita jiftaħ fomm il-ħorġa biex jilqa' xi ħaġa għall-Kunvent kien jixtieq iħallas lil min jatih. Mita ma kellux x'jati kien isellem bil-qawl " San Franġisk ikattar ".

Bin ix-xogħol, kien trabba fil-għaks u fil-ħidma. Fil-ħanut ta' missieru kien jonfoħ il-forġa mis-sebħ sad-dlam, mita ma kienx idoqq fuq l-inkwina sigħat sħaħ. Malli jbattal kien jinħasel u jiġri għall-Kunvent, jindiehes mar-rħieb u jgħin 'l-ajk fil-ġnien jew fil-Knisja. Mita miet missieru ħalla l-forġa u libes iċ-ċoqqa.

Ferħu l-irħieb għax kisbu xriek li ma bħalu, u ferħet in-nies għax ratu miġbur fit-triq it-tajba. Ħadd, naħseb, ma ġabar tagħam u flus daqs Fra Ċelest. Ilqa', Fra, newwel il-ħorġa, Fra, jew Fra, newwilli nitfa xama' tat-tniebri, Fra għini ngħabbi dil-bixkilla... U Ċelest jidħak u jmidd idejh u jiġbor u jwiegħed li " San Franġisk ikattar ".

Darba ltaqa' ma' saram u ħareġ minnu bil-għaqal ta' moħħu u s-saħħa ta' dirgħajh...

Għal għaxiet in-nhar kien għamel id-dawra tal-ħâra u b'dak li ġabar kien sejjer ferħan lejn il-kabuċċini. Kellu għoqda flus ġmielha għax kienet waslet il-festa.

Biex jasal kmieni ġibed minn trejqa mwarrba. X'biża' kellu Ċelest? min kellu l-ħila jmidd îdu fuqu? Iċ-ċoqqa kienet imbierka u dirgħajh ma kinux dgħajfa. Imma l-għali jkun imsiefer.

Minn wara ħajt feġġ bħal għafrid Ġużê il-Għażli, l-aktar raġel ħieni u milgħun li kien hemm mas-saqajn, kullħadd kien jibża' jdendel kusu miegħu għax bniedem tas-sikkina u ta' ebda ġieh. Kellu xkubetta f'idu u malli wasal ħdejn l-ajk waqaf u middha qoddiemu.

—Saħħa Ġuż—qal Fra Ċelest u ħabat għaddej.

—Stenna Fra — qabeż l-ieħor: — lilek kont nistenna. Tarax il-lum ilgħabt u tlift, il-ħlas tal-ġimgħa tarli f'siegħa u d-dar b'idejja battala ma mmurx. Int, naħseb, il-lum qbadthom għax ilek minn fil-għodu tiġbor għall-festa. Jekk tatini kemm tlift fil-qożża tista' tibqa' sejjer għal xogħlok.

Ċelest ħass demmu jagħli imma rasu ma saħnitx. Lill-Għażli kien irid tlieta bħalu, imma bl-armi f'idu ma kienx ta' min jafdah. "Hawn m'hux saħħa trid", qal f'qalbu, "għaqli biss jista' jaqlagħni minn dil-bixla" — X'kien li ma issewwiex, qallu, kull ma ġbart għand il-fqar għandu jmur, mela lilek imissek ukoll". Ħareġ il-għoqda mill-ħorġa u u ħares lejn Ġużè li libet malli ra l-flus.

—Tista' tieħu kull ma qlajt, qallu, jekk tagħmel li ngħidlek. Il-gwardjan ma jemmen qatt li jien ħallejt min jisraqni kiesaħ u biered, u jekk ingħid li għedduni bin-nar jidħak bija. Nagħmlu hekk, nonxor il-ħorġa fuq il-ħajt u int iġbed fuqha. Mita nuri l-ħorġa mtaqqba ġieħi jkun merfugħ.

Daħak Ġużè, għax għoġbitu l-ħlieqa tal-ajk — Bi tliet karnijiet ċomb kien ser jiddobba kemxa flus—x'ma jisparax bil-qalb?

—Onxor Fra—qallu, u rafa' ċ-ċipp ma' wiċċu. Pam-pam u l-ħorġa saret għarbiel. Ma kienx għab id-duħħan tat-tir, Ċelest bħal riefnu nxeħet fuq Ġużè, ħaddnu u qatgħu mill-art bħal xkora tiben u ħabbtu mal-ħajt b'saħtu kollha. Il-Għażli batta u rasu faqqgħet bħal dulliegħa; ħdiel, għoxa u sfar bħal qarsa tax-xama' u ntelaq għal mejjet.

Fra Ċelest imbergħen u jilheġ wara dik il-heżża waqaf iħares lejh sa ma rah jitħarrek u semgħu jitniehed; inbagħad bla għaġla xejn ġabar il-flus minn ħdiem il-midrub, u geżwer l-ixkubetta fil-ħorġa.

—Ġuż—qallu—l-ixkubetta issibha l-Kunvent, mita jidhirlek għaddi għaliha. Saħħa.

Ġużè bexxak għajnejh, bħal wieħed li qam minn raqda twila, ma tkellimx għax ilsienu tqal. Xejjer kemm kemm idu lejn Ċelest bħal-kieku ried igħidlu: "Saħħa! aħjar ħadtha max-xitan inkella miegħek".

Kien għoddu dalam mita l-ajk wasal fuq iz-zuntier. Il-Gwardjan kien fil-bieb jistennieh.

—Ħadt ħsiebek, qallu, x'inqala'? Hemm x'għandek?

—Benediċte, qal Fra Ċelest, u sellem bil-qima kollha. —Il-ħrafa twila, gwardjan. Għal issa dendel din l-ixkubetta fejn jidhirlek. Din wegħda ta' ħabib tiegħi lil San Franġisk talli ħelsu mill-mewt.

Naħseb li minn dak inhar Ġużè il-Għażli mar kera band'oħra.

T. Z.

# LIL OMMI

Fil-jum li ma jonqosx għax miktub mn'Alla,
mita għalxejn id-dawl ifittxu għajnejja
u għaraq kiesaħ fis-sfurja ta' wiċċi
jaħsel ħaddejja,

mita tibda l-ħurħara, u n-nifs inaqqsu
xuftejja, minngħajr demm koħol u niexfa,
u fil-biki bla ħila ħbieb u qraba
ma' dwari wieqfa

ikunu jistennew l-aħħar tneħida
tiegħi tuq l-art, ejja ruħ safja t'ommi,
u, sew bħal mita tfajjel kont traqqadni,
busni fuq fommi.

Ejja ja ommi waqt li għarkubtejja
id f'id tarġa' tfakkarni tat-tfulija
it-talba li kont ngħid int iġġagħalni
kull fil-għaxija.

Għaddiet id-dinja bl-imrar kollu tagħha
minn fuq din qalbi,—u ħalliet il-ħmira
tal-qerq u l-ħażen li minn ruħi għamlu
tagħhom irsira.

Fit-taqbida tal-ħajja mhux ta' darba
mikdud heddejt, mibgħud xħitt il-mibgħeda,
u nsejt li ta' l-imħabba kien fit-talba
il-kliem ta' wegħda.

Imma jekk targa' tiġi inti u safja
taħt il-bewsa tiegħek tagħmel il-qalbi,
il-ħlewwa tarġa' f'fommi biex insemma'
lil Alla talbi.

U hieni hekk għar-raqda ta' bla tmiem,
fil-ħemda tas-serħan nagħlaq għajnejja,
waqt l'int b'ħarsa ta' mħabba, ja ruħ t'ommi,
tgħasses tkun ħdejja.

C. M. B.

# ID-DAĦLA ĠO L-IMDINA TAL-GRAN MASTRU ZONDADARI

(Minn tas-sur ALB. LAFERLA)

Marku Antonju Zondadari ġie magħżul bħala Gran Mastru ta' Malta ftit wara l-mewt ta' Perellos. Il-festa taddħul tiegħu ġewwa l-Imdina saret b'żina kbira ħafna!

Zondadari sar Gran Mastru fit-tlettax ta' Jannar 1720 u il-festa tiegħu fit-tletin ta' Ġunju, ta' l-istess sena.

Il-għada li ġie magħżul il-Gran Mastru, il-Kaptan tal-Virga, is-sur Pietru Mompalaw Apap, fl-imkien ma' l-ewwel ġurat, is-sur Baruni Mark Antonju Inguanez, mat-tieni ġurat, is-sur Salv Tonna Pontremoli, mas-sur Ġann Luqa Pace (dak li kien iżomm l-istandard tal-Kavallerija) u malkbarat l-oħra tal-gżira marru għand il-Gran Mastru biex jifirħulu.

Jumejn wara, il-Baruni Inguanez raġa' mar iżur 'l-Gran Mastru, biex itih il-permess li jkun jista' jaħseb għad-daħla tas-Sultun fil-belt il-qadima tal-gżira. Il-Gran Mastru ħalla kollox f'idejh. Bdew allura il-laqgħat għal l-ispejjeż meħtieġa. It-tiswija tat-triq minn Ħ'Attard sal-Imdina swiet 210 skudi, 10 irbigħat u 17-il ħabba.

Ħadu ħsieb ukoll biex ir-riġment tal-Milizzja jiġi aktar imgħallem. Il-kaptan tal-Virga, li kien l-ewwel Kurunell tal-Gżira għamel erbgħa kumpannji, Granadieri, Muskettieri u Kavallerija. Tnabar fil-Gżira kollha kien hemm tnejn biss; kellhom jixtru tnejn oħra, wieħed għal kull kumpanija. Iż-żewġ tnabar swew seba' skudi.

Lejlet il-festa indaqqew it-tnabar ġewwa r-raħal kemm ukoll fl-inħawi tiegħu biex iħabbru in-nies bil-festa li kellha ssir il-għada. Il-għada fil-għodu, għall-ħabta tas-sagħtejn, reġgħu ndaqqu t-tnabar biex isejħu n-nies taħt l-armi. Wara siegħa ir-riġment kollu nġabar quddiem il-palazz tal-Kaptan tal-Virga; il-kurunell tiegħu, li kien it-tieni ġurat, kien qiegħed fuq it-taraġ tal-palazż bl-istandard tar-riġment f'idejh. Wara li l-fizzjali kollha sellmu l-istandard u marru għal lokhom ir-riġment beda jmarċa għannaħa tal-bieb ta' l-Imdina; meta waslu hemm ir-riġmenti ġew imħollija taħt it-tmexxija tat-tenenti, fil-ħin li l-fizzjali l-oħra reġgħu daħlu l-belt, neżgħu l-uniformi, libsu ħwej-

jeġ oħra u dehru rekbin fuq l-aħjar żwiemel tal-gżira. Il-Kaptan tal-Virga u l-ġurati kienu lebsin l-iswed, fil-ħin li n-nies li kienu magħhom kienu lebsin l-armatura tagħhom.

Inbagħad ir-riġmenti tgħaqqdu u bdew mixjin in-naħa tal-bibien ta' l-Imdina. Malli waslu *ippreżentaw l-armi* u telqu għall-knisja tal-Vittorja (li tiġi fuq it-triq li tâti għal Ħ'Attard). Hemm waqfu, u kullħadd beda jħares lejn



in-naħa tal-belt, mnejn il-Gran Mastru kien ġa telaq għal l-Imdina. Ftit wara, il-purċissjoni tal-Gran Mastru iffaċċat.

Wara l-Kavallerija tal-Gżira, liebsa bil-korazzi jleqqu u riekba fuq l-isbaħ żwiemel, dehret il-Karrozza tal-Gran Mastru, urajha kienu rekbin id-Draguni, biċċa mill-korp tas-Sultan. Għalqu l-purċissjoni ħafna kalessi u karrozzi.

Il-Kaptan tal-Virga ħa sehem fil-purċissjoni u mar fil-lemin tal-karrozza tal-Gran Mastru, l-ewwel ġurat rikeb in-naħa tax-xellug. Il-kbarat l-oħra qagħdu n-naħa ta' wara.

Meta l-Gran Mastru wasal fuq is-Saqqajja. ġie milqugħ biċ-ċapċip ta' l-idejn tal-folol miġbura hemm. Hawn niżel mill-karrozza, libes il-ħwejjeġ ta' Sultan u daħal Santu Wistin biex jisma' quddiesa, imdawwar mill-Kavalieri u mill-Gran Kruċijiet ta' l-Ordni. Wara l-quddiesa, il-Gran Mastru mar sal-Biċċerija, daqsxejn barra l-belt, fuq il-*Piazza della Croce* fejn kien jinsab ir-riġment li kien qiegħed jistennih. L-Ajjutant-Kurunell sellimlu u ippreżentalu bukkett, taħt xbieha ta' Anġlu, f'idu il-waħda b'qalb u fl-oħra żewġ imfietaħ.

L-Isqof, bil-lbies pontifikali, megħjun mill-Kapitlu tal-Katidral ħareġ mill-belt u mar fejn is-Salib biex jiltaqa' mal-Gran Mastru. Hawn it-Teżorier xerred ħafna flus tal-fidda.

Wara l-laqgħa ta' l-Isqof mal-Gran Mastru iffaċċa baldakkin sabiħ ħafna, miżmum mill-ġurati, mill-Kaptan tal-Virga u mis-Segriet. Il-Gran Mastru daħal taħt il-baldakkin u l-purċissjoni baqgħet sejra sal-bieb tal-Belt, fejn waqfet. Il-Gran Mastru qagħad għarkubtejh fuq ġinokkjatur, b'żewġ imħaded tad-damask. Il-Baruni Inguanez, l-ewwel ġurat, b'żewġ imfietaħ, marbutin b'kurdun u ċoff tad-deheb u qegħdin ġewwa vażett sellem lill-Gran Mastru u qallu :—

"Għoġob lil Alla li jbierek lilna u din il-belt tagħna bi Prinċep hekk Kbir, bħala Sinjur u Sultan tagħna. L-unur mess lili biex noffri lill-Prinċep ta' qawwa hekk kbira it-treġija tal-Belt ta' l-Imdina. Għaldaqstant, jiena flimkien ma' sħabi—bil-qima kollha—nitolbu lis-Sinjurija Tiegħek li taħlef fuq is-salib li Int ġġib fuq sidrek li Inti tħares u iġġagħal li jiġu mħarsa l-privileġġi u l-fidwa u d-drawwiet ta' din il-belt u tal-Għżira kif kienu ġa mogħtija mis-Slaten ta' Aragona u ta' Sqallija u mill-Gran Mastri ta' qablek."

Il-Gran Mastru qiegħed idu fuq is-salib u ħa l-ġurament. Allura l-ewwel ġurat, waqt li kien qiegħed itih l-imfietaħ qallu:— "Jiena sejjer intik l-imfietaħ ta' l-Imdina biex iżommhom bħala tifkira ta' poplu li huwa fidil Lejk u li jisma' Minnek." Il-Baruni bies idejn il-Gran Mastru bħala sinjal ta' qima. Inbagħad tkanta t-*Te Deum* li l-leħen tal-folol kien jinsama' mal-gżira kollha, sparaw il-murtali u l-qniepen daqqew sħiħ. Il-purċissjoni bdiet miexja qalb folol l-aktar kbar u minn triqat imżejna bl-arazzi, ħarir, damask u weraq tal-liedna. Fuq il-bieb tal-belt kien hemm tifħir kbir għall-Gran Mastru, kif ukoll ħafna sunetti li ġew imqassma.

Il-pusċissjoni reġgħet waqfet fejn il-"Kantuniera ta' l-Arkivju." Hemm kien jinsab Ark għoli ħamsin xiber„ u mqas-

sam fi tlitt daħliet; id-daħla tan-nofs kienet mifruda minn sħaba b'kolonni ta' rħam qegħdin fuq il-pedistalli tagħhom. Fuq l-Ark kien hemm Medaljun b'din it-tpinġija: "Il-Poplu ferħan qiegħed jilqa' l-Prinċep tiegħu." Fiż-żewġ naħietta' l-Ark kien hemm l-Arma ta' l-Università bil-kuruna rjali fuqha; inbagħad fuq kollox kien hemm l-Arma ta' Zondadari u ta' l-Imperatur. Fuq l-Ark kien hemm miktub bil-latin:—

MARCO ANTONIO ZONDADARI

SUPREMO HIEROSOLYMITANORUM MILITUM MAGISTRO

PRINCIPI OPTIMO

OBSEQUIIS ARGUMENTUM

ANTIQUA MELITENSIUM CIVITAS

EXCITAVIT

Meta l-purċissjoni waslet fejn l-Ark, tifel żgħir, Xandru Mompalaw, ta' għaxar snin, qara lill-Gran Mastru dana li ġej:— "Bir-raġun tgħolli il-leħen tagħha bit-tifħir Malta tagħna, f'dan il-jum li inti sirt is-sultan tagħha, o Prinċep, Kbir m'hux biss fit-twelid tiegħek imma wkoll fil-għerf li fik jidher. Il-poplu Malti minnek jistenna ġid u ferħ; ir-rahan ta' ġid u ferħ aħna narawh f'dawk il-fjuri li inti ġġib fl-arma tiegħek; fjuri li aktar il-quddiem jatu frott ta' l-imħabba ta' missier. Jogħġbok tilqa', o Sinjur, il-kliem tiegħi, ta' tifel żgħir bħal ma jilqgħu nies kbar il-għana tal-għasafar ċkejkna u f'jum kbir bħal dan, Malta tgħajjat dejjem minn xatt għal ieħor malli jissemma' ismek, Viva! Viva!!"

Il-"viva! viva!!" tat-tifel nifdet il-qlub tal-folla u f'daqqa waħda nsama' viva u ċapċip ta' l-idejn minn l-aqwa u hawn xerdu ħafna sunetti!

Il-purċissjoni baqgħet sejra n-naħa tal-Katidral. Meta waslu, il-Gran Mastru daħal ġewwa l-knisja tkanta *Te Deum* bil-kbir. Il-Gran Mastru qagħad għar-rkubbtejh fuq ġinok-kjatur, quddiem l-artal maġġur, u wara li bies ir-relikwa ta' San Pawl li ressaqlu l-Isqof mar jisma' quddiesa fil-kappella fas-Sagrament. Fl-istess ħin il-Baruni Inguanez, l-ewwel ġurat, mar id-dar tiegħu biex jibgħat il-Buskett ir-rigali li l-Belt ta' l-Imdina kienet għamlet lill-Gran Mastru, biex iqas-samhom huwa bejn l-impiegati u l-kunventi. Dawna ir-rigali kienu:— Erba' għoġliet, sitt nagħġiet, sitt qżieqeż, tnax-il

ħasi, tnax-il dundjan, żewġ tużżani tiġieġ, tużżana papri, erba' tużżani bċieċen u tmenin ratal u nofs ħelu. Dawna ir-rigali kienu ndukrati mis-suldati sa kemm iwassluhom il-Buskett. L-ewwel ma telqu tnax-il raġel bil-ħelu: inbagħad kull żewġ suldati kellhom lasta twila li magħha kienu mdendlin dak li semmejna, barra mill-bhejjem li kienu jimxu. It-teżorier ta' l-Università u n-Nutar kienu mexjin magħhom.

Malli r-rigali telqu għall-Buskett, il-Baruni Inguanez raġa' lura għall-Katidral, fejn sab lill-Gran Mastru ħiereġ mill-Katidral; urajh kien hemm il-Kaptan tal-Virga, bil-Virga f'idejh. Il-Gran Mastru wara li għamel żjara lill-Monasterju ta' San Beneditt u oħra lill-kunvent ta' Ġieżu mar ġewwa l-Grotta ta' San Pawl fejn naża' l-lbies ta' Gran Mastru u xedd ilbies ta' kull jum; daħal fil-karrozza tiegħu li wasslitu sal-Buskett, fejn kellu laqgħa mis-suldati. Lil dawn, il-Gran Mastru tahom tnax-il zekkin bejniethom. Allura l-ewwel ġurat, biex ipatti, ta lin-nies ta' ma' dwar is-sultan tnax-il skud bejniethom.

Pranzu kbir u kif jixraq sar il-Buskett. Ġew mistednin il-kbarat kollha tal-Gżira. Is-segretarju u l-Imgħallem taż-Żiemel kellhom l-unur li jduru bil-mistednin. Fuq il-mejda ta' dan kien hemm is-sur Piet Mompalaw Apap (kaptan tal-Virga) il-Baruni Inguanez (l-ewwel ġurat) is-Sur Franġisk Manduca, Dun Nerik Testaferrata u s-sur Baldass Bonnici. Fuq il-mejda tas-Segretarju qagħdu l-oħrajn. Wara l-pranzu u wara li kullħadd iżżaħajr lill-Gran Mastru dana flimkien mal-kbarat telaq għal l-Imdina biex jara t-tiġrija. Il-Gran Mastru barra milli ħa sehem fil-festa qassam ir-rigali li kellu mill-belt, u l-kaptan tal-Virga qassam il-ħelu bejn in-nies ta' ma' dwar il-Gran Mastru u bejn il-folla.

Wara t-tiġrija, Zondadari, telaq għall-belt Valletta.

L-ispejjeż li l-Università nefqet f'din il-festa telgħu tmin mija u tlieta u tletin skud, għaxar irbigħat u tnax-il ħabba.* Għal dak iż-żmien kemmxa flus sabiħa!!!

**Dr. G. Busuttil.**

* Li bi flus ingliżi jagħmlu £ 84. 9. 9$\frac{1}{12}$

# MIN SAB L-EWWEL MAGNA TAL-ĦJATA

Il-professur Louis Couturat ta' Pariġi, fir-rivista tiegħu bl-Ido: "*La Progreso*" ta' Settembru 1912, ried jaf mîn kien sewwa il-veru inventur ta' l-ewwel magna tal-ħjata. Għal din il-mistoqsija, ix-Xirka ta' l-Inventuri u t-Tekniċi ta' Lyon għoġobha twieġbu fl-istess rivista f'Novembru ta' wara kif ġej:

Il-mertu ta' l-invenzjoni ta' l-ewwel magna tal-ħjata jistħoqq lill-ħajjat franċiż Barthelemy Thimmonier, li kellu l-ħila li jqiegħed għal prattika tax-xogħol tal-ħjata l-ewwel magna tiegħu fis-sena 1829, u qala' d-digriet tagħha fl-1830. Qablu ħafna kienu ttantaw, għaliex il-ħajjat tedesk Weissenthal fis-sena 1785 kien ittanta jagħmel magna tal-ħjata, u fis-sena 1804, Duncan, ingliż, kien ukoll ipprova li jagħmel l-ewwel magna tar-rakkmu. Fis-sena 1814, il-ħajjat Madersberger kien tħabat biex jagħmel magna tal-ħjata, imma l-ebda wieħed minn dawn kollha ma taw ebda riżultat ta' ħeffa u baqgħu bla suċċess. Għaldaqshekk, l-iżjed ix-xurtjat fost kullħadd kien Barthelemy Thimmonier, bin żebbiegħ minn Lyon, fi Franza, li twieled fis-sena 1793 f'Arbresle (Rhone). Barthelemy tgħallem is-sengħa ta' ħajjat u kien jaħdem bħala lavrant f'Amplepuis (Rhone) fejn il-familja tiegħu kienet tgħammar hemm ukoll sa mis-sena 1795. F'dik il-ħabta ix-xogħol tar-rakkmu kien jinħadem bil-ganġ u kien immexxi wisq f'dak il-pajjiż, u għalhekk Thimmonier twebbel bi ħsieb sħiħ li joħloq il-magna tal-ħjata. Fis-sena 1825 kien mâr joqgħod f'Saint Etienne, u hemm dam jitħabat u jipprova għal tul ta' erba' snin sħaħ, u f'dan iż-żmien telaq għal kollox is-sengħa tal-ħjata, li biha kien igħajjex il-familja tiegħu, biex b'hekk ikun jista' joqgħod ifittex kif jista' jasal fil-fehma tiegħu; imma b'hekk hu rvina ruħu għal kollox, tilef l-isem li kellu u ġie ukoll imgħoddi b'miġnun. Fis-sena 1829 irnexxielu li jasal fil-ħsieb tiegħu, għax waqqaf l-ewwel magna tal-ħjata li qala' d-digriet tagħha fis-sena 1830.

Fit-2 ta' Marzu 1829 ixxierek ma' Ferrand f'Saint Etienne biex jibda jieħu l-frott ta' l-invenzjoni tiegħu. Fit-8 ta' Gunju 1830 raġa' għamel kuntratt ġdid ma' Ferrand, Beaunier (spettur tal-minieri) u ma' oħrajn biex iwaqqfu xirka ġdida taħt l-isem ta' Germain Petit & Co. Din ix-xirka fetħet post

għax-xogħol tal-ħjata f'Pariġi (155, Rue de Sevres) bi 80 magna biex jaħdmu l-lbiesi tal-militar; iżda billi l-ħajjata f'dak iż-żmien kienu egħdewwa ta' kull magni, ftiehmu bejniethom u ħabtu għall-post, ħarbtuh għal kollox u farrku l-magni kollha li kien hemm.

Wara din it-tħarbita, Beaunier miet, ix-xirka nħallet, u fis-sena 1832 Thimmonier raġa' mar joqgħod f'Amplepuis. Fl-1834 mill-ġdid raġa' mâr f'Pariġi biex jaħdem bħala lavrant-ħajjat, kif ukoll biex jara jistâx jirnexxilu jarġa' igħarraf bl-invenzjoni tiegħu u fl-istess żmien dejjem jipperfezzjonaha għal l-aħjar permezz tal-prattika fix-xogħol. Imma dal-ħsieb ma rnexxilux, u kellu jarġa' jmur joqgħod f'Amplepuis fis-sena 1836, u b'tant faqar miegħu li kellu jagħmel il-vjaġġ kollu bil-mixi (500 kilometru) u mgħobbi bil-magna fuq dahru, u fl-istess żmien, biex jaqla' x'jiekol, kien joqgħod juri l-magna lin-nies li jiltaqa' magħhom biex jatuh ftit ħbûb, bħalma jagħmlu t-tlaleb.

F'Amplepuis irnexxielu jbiegħ xi magni, iżda, bħalma aktarx jiġri dejjem kontra kull xorta ta' progress u ta' invenzjonijiet ġodda, il-magna tiegħu hawn ukoll reġgħet iltaqgħet ma' ħafna għawġ ieħor. Fis-sena 1845 Thimmonier raġa' qala' diploma oħra ġdida tal-perfezzjoni tal-magna tiegħu, li dik il-ħabta kienet saret tagħmel 200 pont f'kull minuta. Hawn, ixxierek ma' Magnin ta' Villafranka, u beda jbiegħ magni b'50 frank il-waħda.

Fis-sena 1848 raġa' qala' digriet ieħor u l-magna ġiet imsejħa. "*Causo-brodeur*" (magna tal-ħjata u tar-rakkmu) billi issa kienet saret tagħmel 300 pont f'kull minuta u tħit kull xorta ta' drappijiet, mill-musulina sa l-aktar drapp oħxon u l-ġild, kif ukoll tirrakkma u tagħmel il-kurduni. Fl-istess sena, il-magna mill-ġdid reġgħet ġiet degretata l-Ingilterra, fid-9 ta' Frar 1848, u Thimmonier biegħ id-digriet lil kumpannija f'Manchester, bil-patt li hu stess jibqa' jgħasses fuq ix-xogħol. Allura hu mâr fl-Ingilterra fit-3 ta' Jannar 1849, imma ma qagħadx żmien twil u b'hekk tilef id-dritt tad-digriet ingliż. Fis-sena 1851, Thimmonier bagħat il-magna tiegħu għal l-Esposizzjoni universali ta' Londra, imma billi hu ddawwar fil-vjaġġ u kien hemm wara li kienu ġa saru id-deċiżjonijiet ta' l-imħallfin, baqa' bla premju, il-premju ħaditu l-magna inventata minn Elias Howe, amerikan.

Thimmonier miet f'Amplepuis, fil-5 t'Awissu 1857. Ibnu Etienne Thimmonier sas-sena 1910 kien għadu ħaj u kien joqgħod f'Lyon (Rue Terme, 21) bħala direttur ta' ditta tal-magni tal-ħjata.

L-ewwel magna ta' Thimmonier kienet ta' l-injam: il-pedal tagħha kien jaħdem dritt mal-labra, b'mod li għal kull kolp tal-pedala kienet tagħmel pont wieħed biss, u hu nbagħad ipperfezzjonaha bil-ftit il-ftit maż-żmien. L-ewwel magni tiegħu għadhom marfugħin fil-"*Conservatoire des Arts et Métiers*" ta' Pariġi u fil-"*Muzeo Industriale*" ta' Lyon. Hemm huma miżmuma bl-akbar għożża għall-ħtieġa tagħhom għal l-istorja.

Qabel Thimmonier kull prova li saret għall-magni tal-ħjata kienet b'żewġ labriet li kull labra kienet iġġib il-ħajta għaliha, iżda l-magna ta' Thimmonier kienet l-ewwel li taħdem b'labra waħda (mgħawġa fil-ponta bħal ganġ) u ħajta sħiħa li tagħmel il-pont imsejjaħ katinetta.

L-inkarigati magħżulin mix-"Xirka tax-Xjenzi u s-Snajja" għamlu tfittixa sewwa fil-katalgi tad-diplomi franċiżi u ingliżi. u sabu li fost id-diplomi antiki ewlenin jinsabu biss sitt digrieti, li għandhom x'jaqsmu max-xogħol tar-rakkmu permezz ta' labar b'żewġ ponot li f'kull waħda jkun fiha il-ħajta. Ir-rapport ippreżentat fis-7 ta' Frar 1866 kien juri li l-invenzjoni ta' Thimmonier kienet qabel.

Wara d-digrieti li Thimmonier qala' għall-magni tiegħu fl-1830 u fl-1845, inbagħad jidher fl-1846 id-digriet ta' Elias Howe, l-Amerikan, għall-magna tiegħu b'żewġ ħajtiet, labra waħda (bil-għajn ħdejn il-ponta) u navetta (jew mekkuk). Dan l-istrument tawh l-isem ta' "navetta" billi hu magħmul bħal dgħajsa żgħira. L-Amerikan Walter Hunt fis-sena 1836 kien ukoll inventa l-magna tal-ħjata bin-navetta u labra waħda bil-għajn ħdejn il-ponta, bħalma huma kważi l-magni kollha, illi Elias Howe kien inventa 10 snin wara. Frattant, Elias Howe, illi fl-Amerika fis-sena 1845 kien qala' d-digriet għall-kostruzzjoni tal-magna tiegħu kellu suċċess tant kbir illi f'qasir żmien sâr miljunarju, fil-waqt li Thimmonier, l-inventur franċiż li kien l-ewwel wieħed fost l-inventuri, minnħabba l-istuppitaġni u l-għira ta' sħabu l-ħajjata ġie irvinat għal kollox u miet fl-akbar faqar.

**Gejtan Grixti.**

# IL-MADONNA TAZ-ZUNTIER JEW IL-KAPPELLA TAL-GĦADAM

Waħda mill-għeġubijiet fuq din il-gżira li t-turisti jieħdu gost jaraw (meta juruhielhom) hija *"Il-kappella tal-għadam"* Din il-kappella tinsab in-naħa tal-punent tal-Port tagħna, ma' ġenb il-fortezza ta' Sant'Jermu.

Fil-qedem din kienet zuntier fejn kienu jindifnu s-suldati Maltin u l-Kavalieri waqt it-taqtigħa mat-Torok fl-Assedju il-Kbir.

Fl-1619, il-Kmandant G. Nibbia bena fuq iz-zuntier kappella żgħira, li huwa ddedika lil l-"Isem Imqaddes ta' Marija", imma li aħna l-koll nafu taħt l-isem tal-Madonna taz-Zuntier. Iz-zuntier jinsab fil-biċċa warranija tal-kappella.

Għall-ħabta ta' l-1850 qalgħu l-għadam kollu, biex jidfnuh band'oħra; imma nqala' qassis, li talab biex bil-għadam hu kien fi ħsiebu jirranġa l-kappella; ma qalulux "le" u l-qassis bil-għerf, bis-sabar, biddel dik il-kappella f'xi ħaġa tal-waħx, ta' skiet donnha tas-saltna tal-mewt ! !

Meta dħalt l-ewwel darba ġewwa l-kappella ma nistâx ingħid x'laqatni l-aktar, jew is-skiet u l-misteru tal-lok, jew ix-xogħol ta' mużajk b'dawk ir-rjus ta' mewt iħarsu kollha lejk: ma nistâx ingħid kienx biża' jew għaġeb : biża' għall-mewt li narawha u ma narawhiex, avvolja qegħdin quddiemha, jew għaġeb għal kif kien irranġat il-għadam.

Fin-nofs tal-kappella hemm artal li kellu kitba bil-latin, li tgħid :—

**Id-dinja kollha ma hix ħlief teatru**
**u l-ħajja tal-bniedem traġedja weħedha**
**Kollox ċajta, kollox ħrafa:**
**Il-mewt biss hija vera**
**Hija tikxef kollox.**
**Inti li għadek fuq wiċċ l-art aħsibha tajjeb;**
**Itlob għal dawna li għadamhom jinsab hawn.**
**Itlaq bil-paċi u ftakar dejjem li għandek tmut.**

Fuq fond miżbugħ iswed, tirkaċċa Madonna bajda, li qegħda żżomm il-bambin, ġewwa nkwatru li huwa rranġat bir-rjus ta' mejtin u b'għadam ieħor twil.

Ma' ġenb l-artal hemm żewġ niċeċ: f'waħda minnhom xiħ b'minġel f'idu (iż-żmien li spiċċa ! ).

Jista' wieħed joħroġ bil-paċi minn dak il-lok ? Għal l-ewwel darba lili għamilli bħal diqa ta' qalb, u dak il-għadam ma nafx kemm dam quddiemi !

**B.**

# TQASSIR GĦALL-KITBA MALTIJA

## IT-TIENI TAQSIMA

1)—L-ittri ta' l-Alfabet li ġejjin jistgħu joqogħdu flok kliem sħiħ.

**a**—aħna
**Al**—Assemblea Leġislativa
**c**—ċirkustanzi
**D**—Dipartiment
**E**—Elezzjoni
**g**—ġurnali, ġurnalist-i-żmu
**h**—ħafna
**G**—Gvern
**Gt**—Gvernatur
**i**—hi, int, intom
**j**—jien
**k**—kollha, kollu, kollox
**K**—Konferenza-i
**kb**—kbir, kbira, kbar

**l**—il, li, illi,
**Lo.** Leader ta' l-Opposizzjoni
**M**—Ministru, Ministri, Ministeru
**m**—miegħi
**ma.**magħha, magħhom
**mm.**Membru-i
**mn**—magħna
**mk**—miegħek, magħkom
**mu**—miegħu
**n**—nista', nistgħu
**O**—Opposizzjoni
**P**—Partit
**p**—poplu

**pr**—propaganda
**Pt**—Parlament
**R**—Raħal-rħula
**S**—Speaker
**t**—tiegħi
**ta**—tagħha
**ti**—tiegħek
**tk**—tagħkom
**tm**—tagħhom
**tn**—tagħna
**tu**—tiegħu
**u**—u, hu, huma
**v**—vera, veru, verità
**w**—waħda, wieħed
**x**—xogħol
**z**—iżda

Meta aktar minn ittra waħda ta' l-Alfabet għandha toqgħod għal kelma sħiħa, bħal : **ma**. (magħha) **ta** (tagħha) **tn** (tagħna) eċċ., taħt dawn għandu jinġibed sinjal, hekk : **ma** **ta** **tn** ; iżda dan is-sinjal ma jinħtieġx għal l-ittri uħudhom. Ittri ta' l-Alfabet jistgħu jingħaqdu wkoll ma' kliem ieħor kif se'r nuru taħt:

### Sentenzi

Aħna u intom nistgħu nagħmlu ħafna ġid. Il-ġurnali
**aui** **n** **namlu** **h** **gid.** **lgku**
kollha huma favur tagħna. L-Elezzjoni waslet u ħafna huma
**fvur** **tn** . **lE** **wslt** **uhu**
dawk li se'r joħorġu mal-Partit tal-Gvern. Fi rħûla kollha
**dwk** **l** **sr** **jhrgu** **ml** **P** **tl** **G** . **fRk**

qiegħda ssir propaganda kbira mill-Partit ta' Opposizzjoni.
qdssir Prkb mlP tlO.
Il-poplu qam fuq tiegħu. Il-Gvernatur ġê iżur id-dipartiment
lp qam fqtu lGt gizur iDtn
tagħna. Il-Gvern qanqal ħafna xogħol. Tiegħi u tiegħu.
lG qnql hx tutu
Tagħhom u tagħna Membru ta' l-Assemblea-Legislativa.
tmutn mmtlAl
Li Speaker sama' t-talba tiegħek. Il-verità kollha. Il-Leader
lS sama tlba ti . lvk . lLo
ta' l-Opposizioni dam jitkellem ħafna fil-Parlament fuq dan
dam jtklm h flPt. fqdn
is-suġġet.
isggt.

2) *Frasijoloġija.*

Barra t-tagħqid ta' l-ittri ta' l-Alfabet li għadna kif urejna bosta kliem ieħor jista' jingħaqad minngħajr ma tirtafa' l-id minn fuq il-karta :

a) Meta kelma tkun tispiċċa biċ-ċ jew *ġ*, jew biċ-ċ-*ġ* jew l-*x* u l-oħra ta' wrajha tibda wkoll b'waħda minn dawn l-ittri, ittra minnhom tista' titneħħa u ż-żewġ kelmiet (jew aktar) jingħaqdu. Din ir-Regula tgħodd ukoll għal kliem li jispiċċa bit-t jew d u l-oħra tibda b'waħda minn dawn l-ittri.

Eżempju : kollox sewwa, kif fehemtu, qal li mar, fuq qabru,
kllswa kfemtu qlimar fqabru
tilef vjaġġ, ħareġ xuxa, fiex ġejna, kliem maħsub,
tlvjg hrguxa fgèna klmahsub
fuq art tajba, farfar rixu.
fqàrtàba frfrixu

b) Meta kelma tkun tispiċċa b'vukali ħafifa u l-oħra tibda b'vukali twila, jew b'dittong, din ir-Regula tgħodd ukoll :

jiġi wara, ġera wkoll, mara u raġel, tifla għaqlija.
jgwra grwkl mrwrgl tflaqlj

ċ) Meta kelma tkun tibda b'vukali qasira li sewwa warajha jkun hemm "m", il-vukali tkun imneħħija u l-kelma tinbeda bil-kunsunanti "m", eżempju :

imbierek, imfassal, imtertaq, imbeċilli, imfami.
mbirk mfssl mtrtq mbclli mfmi

Bħala alternativa ta' dina ir-regula, wieħed jista' juża, kif fissirna fl-ewwel taqsima, ir-regla ta' l-N, eżempju :
nbirk nfssl nbclli nfmi.

SENTENZI

Ir-raġel li kien qiegħed fuq il-ħajt waqa' u kiser rasu.
**Iragl lknqied fqlhàt wqa u ksrasu.**
Nâtu d-dawl lil min ma jarax. Ħaffef ferm għax ma tilħaqx
**Natu dwl lmnma jrax. Hffrm axmà tlhqx**
sewwa. Ħarab barra minn Malta. Fittex fir-ramel u għandek
**sww. Hrbara mn Malta. Fttx frml wndksib**
issib biċċa ċarruta. Taħsibx x'għandek tagħmel għada
**bccrruta. Thsbxndk tamel ada**
għax għandi ntik biċċa xogħol. Smajtu irigħed dal-lejl?
**axndntik bicxol Smàtu iriedalèl?**

3) Bosta sillabi, ffejn biċċa mill-kelma biss tfihem tajjeb xinhi l-kelma kollha, jistgħu jitneħħew.

Meta kelma jkollha sillaba mneħħija jitniżżel warajha sinjal twil, biex juri li l-kelma hija miksura, eżempju :

eliminazzjoni, direzzjoni, jirrappreżenta, Legislatura, Soċjetà,
**elmnz— drz— jrp— Lgslt— Sc—**
possibli, dimostrazzjoni, agrikultura, Pulizija, proċessjoni.
**psb— dmstrz— agrk— Plz— prcs**

SENTENZI.

Il-premeditazzjoni tad-delitt ġiet ippruvata mit-Tribunal.
**lprmdtz— tdltt git ipruv— mTrb—**
Ix-xhieda kollha qablu li l-akkużat stqarr bosta drabi li
**Ixida k qblu llkus— stqr bsta drabi**
għandu joqtol lill-vittma. Il-ġurati ħarġu unanimi li l-assas-
**lndu jqtl lvtma. lgrati hrgu unn— l lss—**
sin hu ħati u għalhekk l-imħallef ta is-sentenza kapitali.
**u hati wlk lmhlf ta isntn— kp—**
Il-konferenzier għamel Konferenza fuq suġġett interessanti
**l knfrn— aml K fq sggt ntrs—**
ħafna u l-kliem tiegħu ġie mfaħħar mil l-uditorju kollu.
**h wlklimtu gmfhar ml udtrj k.**
Fid-dinja kollox hu possibli. Il-fortifikazzjonijet ta' Malta
**Fdnj ku psb—. l frtfkz— ta Malta**
huma imsemmijin mad-dinja kollha. Fil-Parlament saret
**u imsm— mdnj k. Fl Pt sart**
diskussjoni kbira fuq l-istruzjoni obbligatorja u li Speaker
**dsks— kb fq lstrz— oblgt— ulS**
ittrasferixxa s-Seduta għal darb'oħra.
**itrsfr— isd— aldrb—.**

*(Jissokla)* **Fredu Nicholas.**

# KIF BDIET U MXIET IL-GĦAQDA

(Jissokta mal-faċċ. 96 ta' l-*Ewwel Sena)*

Fl-ewwel ktieb ta' *Il-Malti* konna bdejna nġibu xi ħaġa fuq il-ħajja tal-*Għaqda* u konna wasalna sal-ħruġ tal-Grammatka, iżda minn dak iż-żmien lil hawn uqafna għax dehrilna li ma tantx kellna aħbarijiet ta' ħtieġa xi nfakkru fihom, għad li fi *Il-Malti* dejjem kien jidher, b'mod jew ieħor, kull ma l-*Għaqda* kienet tagħmel.

Biex jibqgħu mfakkrin, insemmu li:

fl-1925 il-Għaqda bdiet toħroġ *Il-Malti*;

fl-1925 (1 ta' Marzu) is-sur Nin Cremona qara, fil-"Palazzo de la Salle", konferenza fuq *X'inhu l-Malti Safi*, li, wara, ġiet stampata;

fl-1926—il-konkors ta' *Il-Malti* għal l-aħjar *Novella.* L-ewwel premju ħadu Ġużè Galea b'*Ħena u Ġid* u t-tieni Ġużè Bonnici b'*Toninu*;

fl-1927 (4 ta' Awwissu) miet l-ewwel President tagħna, is-sur Ġużè Muscat-Azzopardi.

Issa l-*Għaqda* biddlet xi ftit l-Istatut tagħha u ħadet xejra ta' *Akkademija.* L-Istatut il-ġdid, kif ġie mgħoddi mil-laqgħa tal-Kumitat tat-18 ta' Diċembru 1927 u mil-laqgħa ta' l-Imseħbin tal-15 ta' Jannar 1928, hu dan li ġej:

IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI<br>magħmula f' Xirka waħda ma'<br>L-*AKKADEMIJA TAL-LSIEN MALTI*

1. Il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, imdaħħla u mgħaqqda f'Xirka waħda ma' l-Akkademja tal-Lsien Malti, tibqa' tingħaraf taħt l-isem ta' "*Il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti*"

2. Il-ħsieb u l-fehma tal-Għaqda jew Akkademja jibqgħu:
   a) li taħdem u żżomm l-ortografija magħżula minnha fil-kitba maltija,
   b) li taqbeż għall-jedd li għandu l-ilsien malti, u turi ġmielu u ħtiġietu,
   ċ) li xxerred kemm tista' kotba miktubin skond il-fehma tagħha kemm-il-darba dawn ma jkunux ta' ħsara lir-Reliġjon tagħna.

3. Il-Għaqda tkun magħmula minn:
   a) Akkademiċi
   b) Extra-akkademiċi
   ċ) Onorarji jew korrispondenti.

4. a) Biex tkun akkademiku tal-Għaqda trid tkun magħruf bħala kittieb tal-Malti u tkun imgħoddi bħala hekk mill-Kunsill.

b) L-imseħbin kollha tal-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti* li ma jidhrux taħt a) ta' dan l-artiklu jibqgħu magħrufa bl-isem ta' *extra-akkademiċi.*

ċ) Ikunu Onorarji jew Korrispondenti, nies Maltin u Barranin, qegħdin Malta jew qegħdin Barra, li jistgħu, b'xi mod jew ieħor, igħinu l-Għaqda.

5. Il-ħlas għal kullħadd ikun il-ħlas tar-*Rivista.*

6. Il-Kunsill jew Kumitat ikun magħmul minn President, minn Viċi-President, minn Segretarju u Kaxxier, u minn Għaxar membri oħra.

7. a) Il-Kunsill jew Kumitat imexxi l-Għaqda hu, u jiġi maħtur kull sentejn minn l-Imseħbin kollha.

b) Kull kwistjoni teknika tiġi maqtugħa minn Kummissjoni li l-Kunsill jaħtar għalhekk minn fost il-membri akkademiċi.

8. Sitta minn fost l-Imseħbin jistgħu jitolbu laqgħa ta' l-imseħbin billi jiktbu lis-Segretarju fejn juruh il-għala jkunu jriduha.

9. Il-*quorum* tal-laqgħat ta' l-Imseħbin ikun ta' 12.

10, Il-*quorum* tal-laqgħat tal-Kunsill ikun ta' 7.

11. a) Il-laqgħat tal-Kunsill isiru kull meta jidhirlu l-President.

b) Tliet membri tal-Kunsill jistgħu jsejħu laqgħa tal-Kunsill.

12. Jista' jitbiddel jew jiżdied artikolu f'dan l-istatut bil-voti ta' 2 minn kull 3 ta' min jieħu sehem fil-laqgħa.

13. a) Il-Għaqda toħroġ rivista mmexxija minn Direttur, Ass. Direttur u Amministratur li jiġu maħtura kull sentejn mill-Kunsill.

b) L-Imseħbin kollha tal-Għaqda għandhom ikunu imseħbin f'din ir-Rivista.

L-ewwel Kumitat, skond dan l-Istatut, ġie maħtur fil-laqgħa ta' l-Imseħbin tad-9 ta' Ġunju 1928. Hu dan :

*President* — Mons. Prof. Dun Karm Psaila

*Viċi-President* — is-sur Turu Mifsud

*Seg.* u *Kaxxier* — is-sur F. S. Caruana

*Membri* — is-sur S. Darmanin-Demajo P.L., is-sur V. Mifsud-Bonnici, is-sur G. Vassallo, il-Kan. G. M. Farrugia, is-sur Ġużè Galea, is-sur Nin Cremona, is-sur G. Micallef, is-sur A. M. Borg, is-sur S. Porsella Flores, u s-sur R. Briffa.

Dan l-Istatut il-ġdid beda jgħodd mill-bidu ta' l-1928. Hu xieraq għalhekk, li nġibu hawn fil-qoxra, għas-sodisfazzjon ta' kullħadd, ir-rendikont tal-flus li l-Għaqda daħħlet u ħarġet sa l-aħħar ta' l-1927, kif ġie mressaq fil-laqgħa tad-9 ta' Ġunju 1928.

Il-flus li l-Għaqda daħħlet u ħarġet sa mill-bidu tagħha kienu mqassmin fi tliet kaxxex għalihom li issa dawn jingħaqdu f'waħda. Dawn kienu:

(i) flus li daħlu minn l-Imseħbin tal-Għaqda, taħt l-isem ta' *Kaxxa ta' l-Imseħbin.* Din kienet imħollija f'idejn il-Kaxxier;

(ii) flus li daħlu minn xi ħwejjeġ mhux tas-soltu, *Kaxxa Straordinarja*, f'idejn is-Segretarju;

(iii) amministrazzjoni *Il-Malti.*

Il-bilanċ ta' dawn it-tliet kaxxex jingħaqad f'waħda u bih tinbeda s-sena 1928.

Bħal ma taraw fil-qoxra ta' dan il-għadd, il-bilanċ li ħallew dawn it-tliet kaxxex flimkien iġibu £9-3-6. B'dawn il-flus bdiet il-ħajja tagħha l-*Akkademja tal-Lsien Malti.*

15 ta' Ġunju 1928.

F. S. Caruana
*Segretarju u Kaxxier.*

# KOTBA TAL-BIBBJA BIL-MALTI

Nizżu ħajr lis-sur Fons Marija Galea ta' l-erba' kotba tal-Bibbja bil-Malti li bagħtilna, li huma *Ta' Ester* (miġjub bil-Malti minn Dun Pietru Pawl Grima, *Ta' Ruth* (miġjub bil-Malti minn Mons. Prof. C. Cortis d.d. *Ecclesiasticus* u *Il-Għanja tal-Għaniet* miġjub bil-Malti mis-sur Fons. Infaħħru lill-kittieba ta' dawn il-kotba għax ħaqqhom tassew ta' dan ix-xogħol sabiħ li jatu f'idejn il-poplu l-Bibbja bil-Malti; ma dawn it-tlieta hemm ieħor, il-kittieb tagħna *Sajdun* (Dun P. P. Saydon), li dalwaqt naraw f'idejna xogħol sabiħ tiegħu ta' Kotba tal-Bibbja bil-Malti. Għandu ħafna xogħol lest li dalwaqt jara d-dawl issa li għadda miċ-ċensur.

Lil dawn l-erba' kittieba tal-malti, la jkun lest dan ix-xogħol hekk sabiħ, Malta kollha tkun tafulhom; iżda l-ħlas jistennewh minn għand Alla.

S.

## (i) *Kaxxa ta' l-Imseħbin*

### DĦUL

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 1922-23 | 76 rċevuta ta' 1/- | | £3 | 16 | 0 |
| 1923-24 | 24 | do | 1 | 4 | 0 |
| 1925 | 174 | do | 8 | 14 | 0 |
| 1926 | 97 | do | 4 | 17 | 0 |
| 1927 | 60 | do | 3 | 0 | 0 |
| | | | £21 | 11 | 0 |

### ĦRUĠ

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Chrètien & Co. Stampa ta' Statuti formoli eċċ. | | £1 | 12 | 0 |
| Bolli u spejjeż oħra tal-bidu | | 0 | 10 | 0 |
| 1925 | Amministrazzjoni *Il-Malti* | 5 | 0 | 0 |
| 1926 | do | 3 | 0 | 0 |
| 1927 | do | 3 | 0 | 0 |
| 1922-27 | Kollettur-Spejjeż u dritt | 2 | 4 | 0 |
| | *Bilanċ* | 6 | 5 | 0 |
| | | £21 | 11 | 0 |

## (ii) *Kaxxa Straordinarja*

### DĦUL

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Kontribuzzjoni—Skieda 1 | | | | £1 | 17 | 6 |
| do 2 | | | | 0 | 5 | 0 |
| do 3 | | | | 0 | 5 | 0 |
| do 4 | | | | 2 | 14 | 6 |
| Bejgħ tal-Kotba tat-*Tagħrif* | £7 | 15 | 5 | | | |
| Spejjeż għal do | 0 | 15 | 2 | 7 | 0 | 3 |
| | | | | £12 | 2 | 3 |

### ĦRUĠ

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kunċert fit-Tijatru Manwel Spejjeż | | £26 | 3 | 3 | | | |
| | Dħul—bejgħ ta' biljetti | 24 | 16 | 9 | £1 | 6 | 6 |
| Stampa u spejjeż—*Il-Malti* *Safi* | | £ 3 | 11 | 0 | | | |
| | Dħul—bejgħ ta' do | 0 | 6 | 3 | 3 | 4 | 9 |
| 1626 | Amm. *Il-Malti* għas-supplement ta' l-Istudenti | | | | 3 | 0 | 0 |
| 1922-27 | Posta għal 20 Ċirkulari | | | | 0 | 19 | 6 |
| ,, | Karti u invilopsijiet | | | | 0 | 10 | 6 |
| ,, | Ritratti tal-Kumitat | | | | 0 | 12 | 0 |
| ,, | Xiri ta' kotba | | | | 0 | 4 | 0 |
| ,, | 7 darbiet—Seftur għal-laqgħat 2/6 | | | | 0 | 17 | 6 |
| | *Bilanċ* | | | | 1 | 7 | 6 |
| | | | | | £12 | 2 | 3 |

## (iii) *Amministrazzjoni* "Il-Malti"

### DĦUL

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 1925 | 224 rċevuta ta' 1/6 | £16 | 16 | 0 |
| | Bejgħ ta' Kotba | 0 | 1 | 6 |
| | Mill-Kaxxa ta' l-Imseħbin | 5 | 0 | 0 |
| 1926 | 212 rċevuta ta' 1/6 | 15 | 18 | 0 |
| | Bejgħ ta' Kotba | 0 | 19 | 6 |
| | Mill-Kaxxa ta' l-Imseħbin | 3 | 0 | 0 |
| | Mill-Kaxxa Straordinarja għal-ħruġ tas-Supp. ta' l-Istudenti | 3 | 0 | 0 |
| 1927 | 208 rċevuta ta' 1/6 | 15 | 12 | 0 |
| | Bejgħ ta' Kotba | 0 | 2 | 6 |
| | Mill-Kaxxa ta' l-Imseħbin | 3 | 0 | 0 |
| | | £63 | 9 | 6 |

### ĦRUĠ

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 1925 | Empire Press—Stampa ta' 4 Kotba | £18 | 0 | 0 |
| | Karti għar-rċevuti | 0 | 5 | 0 |
| | Bolli | 1 | 10 | 0 |
| | Kollettur—Spejjeż u dritt | 0 | 9 | 6 |
| 1926 | Empire Press—Stampa ta' 5 Kotba | 20 | 16 | 0 |
| | Bolli | 1 | 8 | 0 |
| | Kollettur—Spejjeż u dritt | 0 | 17 | 6 |
| 1926 | Empire Press—Stampa ta' 4 Kotba | 16 | 8 | 0 |
| | Bolli | 1 | 5 | 6 |
| | Kollettur—Spejjeż u dritt | 0 | 18 | 0 |
| | Strina lil seftur | 0 | 1 | 0 |
| | *Bilanċ* | 1 | 11 | 0 |
| | | £63 | 9 | 6 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Bilanċ Amministrazzjoni *Il-Malti* | 1 | 11 | 0 |
| ,, Kaxxa Straordinarja | 1 | 7 | 6 |
| ,, Kaxxa ta' l-Imseħbin | 6 | 5 | 0 |
| | £ 9 | 3 | 6 |

Bħal ma għarrafniekom fil-qoxra tal-għadd ta' Diċembru li għadda, il-*Għaqda* tagħna sejra tieħu sehem fil-Kungress ta' l-Orjentalisti li sejjer isir Oxford (l-Ingliterra) f'Awissu li ġej. Issa għandna ngħarrfukom illi l-Kumitat ta' hemm laqa' bil-qalb li jinqraw f'dan il-Kungress iż-żewġ karti li lestew is-sur Nin Cremona u Rev. Dr. Saydon u fl-aħħar bulettin li ħarġu dan ix-xogħol tagħhom ġie mħabbar mal-ħafna oħrajn li sejjer ikun hemm minn bosta u bosta pajjiżi—ħafna minn-hom mibgħutin minn l-istess Gvern tagħhom. Il-Kumitat tal-*Għaqda* tagħna issa qiegħed jitħabat mal-Gvern biex, jekk jista' jkun, jiġi mibgħut rappreżentant uffiċjali minn Malta għal dan il-Kungress—ħaġa tassew sabiħa u li aħna nisten-new ħafna mill-Gvern tagħna.

—Fl-aħħar ħin waslilna l-ewwel għadd ta' *Il-Qari Malti* li beda joħroġ, Port Said, il-ħabib tagħna, is-sur Ant. G. Said. Inġibu hawn, għal issa, dak li deher fi *Il-Ħabib* tal-15 ta' Lulju. F'ħarġa oħra narġgħu ngħidu xi ħaġa oħra fuqu.

# IL-QARI MALTI

**RIVISTA BIL-MALTI U BL-INGLIŻ—TOĦROĠ DARBA FIX-XAĦAR**

Konna îlna nistennewh *Il-Qari Malti* ta' ħutna ta' Port Said u fl-aħħar wasal. Aħna rajnieh u ma' l-ewwel daqqa ta' għajn għoġobna għax stampat sabiħ u pulit u illustrat tajjeb: iżda meta qrajnieh, ingħidu minn għajr ma nkabbru xejn, staġibna kemm hu mżewwaq sabiħ u iżjed u iżjed kemm hu miktub tajjeb, għax tassew li qatt ma stennejnieh hekk! Xi ħadd li ma rahx b'għajnejh nistħajjel li jgħidli: Uh! kemm qiegħed tgħaġġibha!—Lè ma jiniex! Jekk tħares lejn it-tiżwiq ta' artikuli issib minn kollox u fuq kollox. Ħaqqu tassew l-isem sabiħ ta' *rivista* li bi lsien'na (barra minn Il-Malti tal-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti*, ftit tassew kellna. Barra minn dan, fih ħaġa oħra minn l-iżjed sabiħa u din hi li miktub b'ortografija tajba ferm. — U dan fih x'tistagħġeb, x'tieħu pjaċir tassew, għax jekk xi ħadd jaħseb li l-ortografija hi ħaġa *sekondarja* għandu jkun jaf li l-ortografija hi l-qofol u li jekk l-ilsien Malti għadu ma ħax il-post li jistħoqqlu dan hu għax mhux kullħadd jikteb b'ortografija waħda — bl-ortografija t-tajba. Għarukaża tara ġurnali u kotba li fihom, kelma fl-istess faċċata, miktuba tliet darbiet differenti u nbagħad kotba u ġurnali ta' nies li jgħidu li jridu l-Malti jimxi l-quddiem! X'jimxi, jimxi l-quddiem b'dik l-ortografija tagħhom!!

Mela għalhekk ħadna gost meta rajna din ir-rivista maħruġa b'ortografija tajba u nifirħu lis-sur Said talli għażel l-ortografija tal-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti*. U nifirħulu ħafna u ħafna ta' dan il-ktieb hekk sabiħ u tassew imżewwaq u nixtiqulu li jimxi l-quddiem biex ikun ta' ġid lil ħutna il-Maltin ta' Barra u jkun ta' gid u ta' risk lil maħbub ilsien tagħna.

Iżda biex dan jista' jirnexxilu, inħajru lil kull min hu malti li jissieħeb f'dan il-*Qari Malti* li fih x'wieħed iqatta' siegħa żmien fi ħwejjeġ sbieħ u ta' tagħlim. Għal Malta, il-ħlas hu 4/6 (bil-Posta mħallsa). Direzzjoni:— Il-Qari Malti, Chareh Hamdi No. 2 Port Said.

Lis-sur Ant. G. Said, id-direttur tiegħu, l-aħħar kelma: Prosit u kuraġġ!

F. S. Caruana.

Stampât fl-Empire Press